# IT-TWELID MILL-ĠDID U L-BIBBJA

Minn
George Ebejer

# IT-TWELID MILL-ĠDID

## INTRODUZZJONI

L-ewwel ħaġa li għandna nkunu nafu u nagħmluha ċara f'moħħna, hekk kif nibdew dan l-istudju, huwa l-fatt li l-lingwa li Ġesù uża waqt lid-disskuta t-**twelid mill-ġdid** hija wisq figurattiva. Dan huwa speċjalment minnu dwar it-terminu "twelid." Kien neċessarju għal Ġesù, matul ħafna mill-ħin tal-ministeru Tiegħu f'din id-dinja, li jitkellem bit-tixbiħat.

> *"Dan għedtulkom bit-tixbiħat. Għad tasal siegħa meta ma nkellimkomx aktar bit-tixbiħat" (Ġwanni 16:25).*

It-tifsira tal-kelma "tixbiħat" hija "parabboli."

In-nies li lilhom Ġesù kellem matul dak il-perjodu tal-ministeru Tiegħu ma kinux kapaċi li jifhmu l-ħwejjeġ spiritwali li Hu ġie biex jgħarraf. Dan kien ukoll minnu għal l-appostli, sa ċertu punt. Imma meta r-rieda ta' Kristu bdiet li ssir magħrufa, il-bidu kien fl-ewwel Pentekoste wara t-tlugħ Tiegħu fis-Smewwiet, lingwa ċara u litterali kienet użata f'li ngħidu lin-nies x'għandhom jagħmlu biex isalvaw. Isaac Errett jgħid, dwar dan, "Hawn, għalhekk, aħna nistgħu nitgħallmu l-kundizzjonijiet tad-dħul fis-saltna tas-smewwiet. Għaliex il-bnedmin iħawdu lilhom infushom fuq il-lingwa enigmatika ta' Ġwanni 3:1-5 u għal dejjem jappellaw għal awtorità għall-konverżazzjoni privata ma' Nikodemu fi żmien meta, għal ħafna raġunijiet, Ġesù għatta l-istruzzjonijiet Tiegħu f'parabboli, meta

aħna għandna hawn il-kundizzjonijiet tad-dħul fis-saltna mħabbra bl-awtorità, f'termini mhux figurattivi, fil-lingwa litterali u pożittiva tal-liġi?"

Huwa, tabilħaqq, sewwa u xieraq li tistudja l-lingwa figurattiva li kienet użata minn Ġesù fil-ministeru Tiegħu; imma aħna għandna nitgħallmu biex ninterpretaw lingwa bħal din fid-dawl taċ-ċar u letterali; minflok ma nippruvaw li nagħmlu l-figurattiv il-mudell tal-ħsieb u l-kondotta tagħna. Meta nies ikollhom moħħ li jfittex, u huma lesti li jistaqsu mistoqsijiet, kif għamlu l-appostli, u mbagħad ifittxu bil-għaqal għat-tweġibiet fil-Kelma rrivelata ta' Alla, huma jkollhom ftit taħbit f'li jitgħallmu x'inhi r-rieda ta' Alla għalihom (aqra Mattew 13:10-18).

# IT-TWELID MILL-ĠDID
# JEW
# KIF U META WIEĦED IKUN IMWIELED MILL-ĠDID?

Dan il-ktejjeb kien miktub b'xewqa kollha ħrara li studju onest u sinċier tal-kontenut tiegħu jkun jista' jwassal ħafna erwieħ biex jaraw is-sempliċità tat-tagħlim tal-Mulej fuq dan is-suġġett importanti tal-Bibbja u biex igawdu "l-barkiet spiritwali kollha" fi Kristu Ġesù.

Minħabba l-konfużjoni ta' tant nies dwar **it-Twelid mill-Ġdid**, dan is-suġġett għandu jkun studjat bil-għaqal. M'hemmx mod aħjar biex tispjega l-Iskrittura ħlief bl-Iskrittura.

Jekk wara li tkun qrajt dan il-ktejjeb inti temmen li dan jista' jagħmel tajjeb kull fejn jinqara u li jista' jdawwal ħafna fuq din it-tema li ħafna ma jifhmuhiex sewwa, inti tista' tgħaddih lil ħaddieħor jew tordna kop-ji oħra mill-indirizz li jinsab fuq wara ta' dan il-ktejjeb.

L-AWTUR

# KAPITLU WIEĦED

## IT-TWELID MILL-ĠDID

*"Kien hemm fost il-Fariżej raġel jismu Nikodemu, wieħed mill-kbarat tal-Lhud. Dan ġie għand Ġesù bil-lejl, u qallu, "Rabbi, aħna nafu li inti Mgħallem mibgħut minn Alla; għax ħadd ma jista' jagħmel is-sinjali li qiegħed tagħmel int jekk ma jkunx Alla miegħu." Ġesù wieġbu: "Tassew, tassew ngħidlek, li, jekk wieħed ma jitwilidx mill-ġdid, ma jistax jara s-saltna ta' Alla." Qallu Nikodemu: "Kif jista' wieħed jitwieled wara li jkun xjieħ? Jista' forsi jerġa' jidħol f'ġuf ommu u jitwieled?" Wieġbu Ġesù: "Tassew, tassew ngħidlek, li jekk wieħed ma jitwilidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-saltna ta' Alla. Dak li jitwieled mill-ġisem hu ġisem; u dak li jitwieled mill-Ispirtu hu spirtu. La tistagħġibx jekk jiena għedtlek li jeħtieġilkom titwieldu mill-ġdid. Ir-riħ fejn irid jonfoħ: tisma' ħossu, imma ma tafx mnejn hu ġej jew fejn hu sejjer. Hekk jiġri minn kull min twieled mill-Ispirtu" (Ġwanni 3:1-8).*

Ġesù qal illi bniedem għandu jitwieled mill-ġdid biex jidħol fis-saltna ta' Alla. Jirriżulta, mela, li studju aktar

importanti qatt ma okkupa l-attenzjoni tal-bniedem minn dak *tat-twelid mill-ġdid*. Għal ħafna nies, iżda, dan is-suġġett huwa kkunsidrat li hu wieħed li la jista' jiġi spjegat jew miftiehem. Imma għandu jkun dejjem miżmum fil-moħħ li kull ma hu meħtieġ għall-wieħed biex jifhem dwar x'inhu essenzjali għas-salvazzjoni tiegħu kien irrivelata ċar, b'mod ċar fil-Kelma ta' Alla. Għalhekk, wieħed għandu jieħu l-lingwa ta' Kristu u jistudjaha bil-għaqal u bl-attenzjoni f'konessjoni ma' pass ieħor ta' l-Iskrittura dwar l-istess suġġett u jitgħallem x'inhu t-*twelid mill-ġdid*.

## I. IR-RAĠEL NIKODEMU

Il-persuna li magħha Ġesù ddiskuta t-*twelid mill-ġdid* kienet Nikodemu, wieħed Fariżew (Atti 23:7). Nikodemu kien wieħed mill-kbarat tal-Lhud, jiġifieri, membru tal-qorti suprema Lhudija. Huwa jidher li kien raġel tajjeb ħafna. Barra minn hekk, hu kien lest li jinvestiga (Ġwanni 7:50-52; 19:39). Dawn huma sinjali ta' min ifaħħarhom, sinjali ta' karattru ta' min ifaħħarhom.

Mhux magħruf għaliex Nikodemu ġie għand Ġesù "bil-lejl," għaliex il-Bibbja ma tgħidx xejn dwar dan. Il-*verità* li Kristu għallmu hija l-ħaġa importanti li wieħed għandu jikkunsidraha.

Meta Nikodemu fetaħ il-konverzazzjoni bil-kliem, *"Rabbi, aħna nafu li inti Mgħallem mibgħut minn Alla: għax ħadd ma jista' jagħmel is-sinjali li qiegħed tagħmel int jekk ma jkunx Alla miegħu*" huwa esprima verità vitali dwar il-mirakli ta' Ġesù. Ebda bniedem li mhuwiex mibgħut minn Alla ma jista' jagħmel opri

bħal dawn (Ġwanni 5:36; 10:25). Imma Ġesù, billi kien jaf il-ħsieb ta' Nikodemu (Ġwanni 2:24-25), ma tax każ tal-kumplimenti u ndirizza Lilu nnifsu direttament għal mistoqsija ta' *kif* issir ċittadin tas-saltna tas-smewwiet. Huwa wieġeb:

> *"Tassew, tassew ngħidlek, li, **jekk wieħed ma jitwilidx mill-ġdid, ma jistax jara s-saltna ta' Alla**."*

B'effett Ġesù qal, "Nikodemu, il-mirakli jixdhu għalija, imma jekk inti taħseb li għaliex int Lhudi jew għaliex int persuna privileġġjata, inti ntitolat għall-post fis-saltna Tiegħi meta din tkun imwaqqfa, sejjer imqarraq. Is-saltna li jiena dalwaqt se nwaqqaf mhijiex saltna ta' din l-art u int ikollok terġa' *titwieled mill-ġdid* biex tidħol fiha. Il-primaġenitura qadima tiegħi ma tagħtikx sħubija f'din is-saltna."

## II. IS-SALTNA TA' ALLA

Bis-"Saltna ta' Alla" Kristu fisser il-knisja, l-istituzzjoni spiritwali ma ddumx ma tkun imwaqqfa Minnu nnifsu (Mattew 16:18-19; Lhud 12:22-23, 28).

Li "tara s-saltna ta' Alla" sempliċiment fisser li tesperjenza l-barkiet tas-saltna permezz ta' dħul fiha.

Nikodemu daħal fis-saltna Lhudija permezz ta' twelid fiżiku (Ġenesi 17:13); imma s-saltna ta' Kristu kellha tkun waħda spiritwali u jkun meħtieġ mod differenti ta' twelid biex ipoġġih fiha. Il-Lhud kienu qed jistennew it-twaqqif ta' saltna dinjija u bla dubju dan hu dak li Nikodemu kellu f'moħħu, imma l-Mulej ikkorrieġa dik l-idea.

## A. SALTNA ĠDIDA U PATT ĠDID

Saltna ġdida ma ddumx ma tiġi b'patt ġdid u sħubija ta' persuni mwielda mill-ġdid, u Nikodemu jkollu jitwieled mill-ġdid biex jipparteċipa, biex ikollu sehem mill-barkiet ta' dik is-saltna (Mattew 3:7-9; Ġeremija 31:31-33; Lhud 8:8-12; 9:15-17). Taħt it-Testment il-Qadim wieħed isir parti mill-poplu ffavorit ta' Alla permezz ta' **twelid naturali**, imma llum wieħed jidħol f'relazzjoni tal-patt mal-Mulej bi **twelid differenti**, *twelid "ta' l-ilma u ta' l-Ispirtu*" (Ġwanni 3:3-5).

Taħt il-Liġi Możajka, kwalifikazzjonijiet spiritwali ma kinux fost il-ħtiġijiet għas-sħubija. Il-ġabra Lhudija kienet tinkludi fiha l-poplu Lhudi **kollu**, kemm jekk tajjeb u kemm jekk ħażin. Lhudi kien parti minn dik il-ġabra permezz tat-twelid naturali; kull persuna mwielda minn ġenituri Lhud jew mixtrija bi flus Lhud kellha sħubija fiha. Ebda fidi, bidla tal-qalb, jew twelid spiritwali ma kienu meħtieġa. Imma huwa differenti taħt it-Testment il-Ġdid. Issa persuna trid 'titwieled mill-ilma u l-Ispirtu,' għax mingħajr dan it-twelid dik il-persuna ma tistax tkun tappartjeni għas-saltna ta' Alla. It-trabi kienu membri tal-ġabra l-qadima (huma kienu mwielda fiha, **aktar tard** mgħallma biex ikunu jafu lil Alla), imma ma jistgħux ikunu membri tal-ġdid bil-ħila tat-twelid fiżiku, għaliex taħt il-ġabra l-Kristjana kull min isir membru tal-knisja għandu l-ewwel ikun mgħallem (Ġwanni 6:45**). It-tagħlim issa jiġi qabel id-dħul ta' wieħed fil-familja ta' Alla** u dawk kollha li mhumiex kapaċi li jifhmu huma esklużi (Mattew 28:19-20). Il-liġi organika tas-saltna ta' Kristu **teskludi** lit-trabi (Atti

8:12; Rumani 10:17). Dawk li huma membri tal-knisja huma membri permezz tal-**fidi u tal-magħmudija**:

> *"Għax intom ulied Alla lkoll kemm intom, permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù. Għax intom ilkoll li tgħammidtu fi Kristu lbistu 'l Kristu" (Galatin 3:26-27).*

Għalhekk, la darba l-knisja tal-Mulej tagħna kienet se tkun għal kollox istituzzjoni **ġdida**, ukoll dawk tar-reliġjon antika Lhudija ħtiġilhom li "jitwieldu mill-ġdid" biex isiru membri tagħha. Fil-fatt, ħadd ma jista' jidħol fil-knisja sakemm hu ma jkunx twieled mill-ġdid, għax il-kondizzjoni għad-dħul, kif inhi mogħtija minn Ġesù, hija "*int trid li titwieled mill-ġdid mill-ilma u l-Ispirtu.*"

## B. IS-SALTNA MWAQQFA

Is-saltna ta' Kristu kienet imwaqqfa fl-ewwel Pentekoste wara l-qawmien Tiegħu mill-mewt. Għall-prova, ħalli aħna ninnutaw dan li ġej:

1. Is-saltna kellha tiġi bil-qawwa (Mark 9:1).
2. Il-qawwa kellha tiġi ma' l-Ispirtu s-Santu (Atti 1:8).
3. L-Ispirtu s-Santu ġie fil-jum ta' Pentekoste (Atti 2:1-4).

Għaldaqstant, is-saltna ġiet f'dak il-waqt. Għalhekk, Kristu qiegħed issa jsaltan fis-smewwiet bħala "*Sultan tas-Slaten u Sid tas-Sidien*" (1 Korintin 15:26; Rivelazzjoni 17:14; 19:16).

Jekk il-pretenzjoni ta' xi wħud hija minnha lis-saltna ta' Kristu għad mhix imwaqqfa, allura t-twelid mill-

ġdid mhuwiex realtà u ħadd illum ma huwa mwieled mill-ġdid u l-Mulej tagħna qal ħaġa falza! Imma l-appostlu Pawlu kiteb lil nies li kienu miġjuba fis-saltna, u l-appostlu Ġwanni wkoll qal li hu kien wieħed mill-aħwa fis-saltna. Naqraw f'Kolossin 1:13,

> "*Li ħelisna mill-ħakma tad-dlam,* ***u daħħalna fis-saltna*** *ta' Ibnu l-maħbub.*"

U naqraw f'Rivelazzjoni 1:9,

> "*Jien Ġwanni, li jien ukoll ħukom, u seħibkom fit-tiġrib,* ***u fis-saltna*** *u fis-sabar ta' Ġesù Kristu,…*"

Is-saltna kienet fl-eżistenza fil-jiem ta' dawn l-appostli u n-nies kienu ċittadini fiha! La darba din is-saltna ma kelliex tkun i**mheżhża** imma li tieqaf għal dejjem (Lhud 12:28; Danjel 2:44), din hija issa fl-eżistenza u n-nies qegħdin jidħlu fiha.

## Ċ. IT-TWELID MILL-ĠDID—IL-BIEB GĦAL ĠOS-SALTNA

Tistaqsi int, "Xi kwalità ta' twelid huwa dan **it-twelid mill-ġdid**? Kif dan huwa mwettaq?" Il-lingwa ta' Ġesù wkoll ħawdet lil Nikodemu. Hu ma setax jifhem kif raġel xiħ, bħalu, jista' jesperjenza twelid fiżiku ieħor. Għalhekk staqsa,

> "*Kif jista' wieħed jitwieled wara li jkun xjieħ? Jista' forsi jerġa' jidħol f'ġuf ommu u jitwieled?*"

Is-Salvatur spjega billi qal,

*"Jekk wieħed ma jitwilidx mill-ilma u l-Ispirtu ma jistax jidħol fis-saltna ta' Alla."*

F'dan il-mod Ġesù qal lil Nikodemu x'inhu t-**twelid mill-ġdid**, jew **kif** jista' jkun possibbli li titwieled mill-ġdid meta tkun xiħ. **Ukoll jekk Nikodemu seta' twieled mill-ġdid fiżikament, dan ma kienx ikun it-twelid li Ġesù kellu f'moħħu**. Għalhekk, Kristu l-ewwel wera l-**bżonn tat-twelid mill-ġdid**, imbagħad qal dwar **f'hiex dan jikkonsisti**. Dan huwa twelid ta' l-**ilma** u ta' l-**Ispirtu**. Ma hemmx **żewġ twelidijiet**, imma twelid wieħed. Iż-żewġ elementi—**ilma u Spirtu**—huma meħtieġa.

"Titwieled mill-ġdid" hija figura rettorika. Il-metafora hija wżata għaliex hemm xebħ f'ċertu mod bejn it-**twelid ġdid** u t-twelid naturali, imma mhux identità. It-twelid huwa l-bidu ta' ħajja ġdida f'ambjent ġdid. Billi wieħed jidħol f'ħajja ġdida—ikun miġjub minn stat għal ieħor—u jsir ħolqien ġdid spiritwalment, dan il-proċess huwa msejjaħ **twelid**. Il-bidla magħmula permezz tat-twelid ġdid hija tant kbira, kemm fil-moħħ kif ukoll fil-kondotta tal-bniedem, illi wieħed jista' jgħid, "Huwa ħolqien ġdid; huwa twieled mill-ġdid." F'passaggi oħra ta' l-Iskrittura din il-bidla hija msejħa konverżjoni, rikonċiljazzjoni, eċċ. Din hija bidla spiritwali—twelid spiritwali f'saltna spiritwali. Li ssir Kristjan huwa dak li Ġesù fisser li **titwieled mill-ġdid**.

## D. IT-TWELID ĠDID MHUWIEX TWELID FIŻIKU

Ġesù għallem lil Nikodemu lit-**twelid mill-ġdid** ma

kienx twelid uman, twelid fiżiku. "*Dak li jitwieled mill-ġisem hu ġisem; u dak li jitwieled mill-Ispirtu hu spirtu,*"qal Ġesù. Kif twelid tal-ġisem jipproduċi bniedem fiżiku, hekk ukoll it-twelid ta' l-Ispirtu jipproduċi bniedem spiritwali. Xorta tipproduċi wara x-xorta tagħha f'kull każ. Nikodemu kellu f'moħħu twelid fiżiku; Kristu kellu f'moħħu twelid spiritwali. Konsegwentament, Kristu qal, "La tistagħġibx (tkunx sorpriż) jekk jien għedtlek li jeħtiġilkom titwieldu mill-ġdid." Jidher li dan il-mexxej ta' Iżrael naqas milli jirrealizza l-eżistenza tal-bniedem ta' ġewwa li jesperjenza t-**twelid ġdid**.

## E. IT-TWELID MILL-ĠDID NEĊESSITÀ

La darba kulħadd għandu jitwieled mill-ġdid biex jidħol fis-saltna ta' Alla, huwa impossibbli li tagħmel enfasi żejda dwar l-importanza tat-**twelid mill-ġdid**. Ħadd ma jidħol fis-saltna sakemm huma jkunu twieldu mill-ilma u l-Ispirtu, għax din hija l-unika triq biex tidħol fiha! Għalhekk, il-ħolqien ta' kreatura ġdida spiritwali fi Kristu Ġesù huwa bżonjuż (Galatin 6:15; 2 Korintin 5:17). Il-bniedem midneb għandu jeħtieġ natura ġdida. Huwa impossibbli għal nies mhux maħluqa mill-ġdid u li jħobbu d-dnub biex igawdu l-ħwejjeġ ta' Alla, kemm f'din id-dinja jew fid-dinja l-oħra. Dawk f'dan l-istat mhumiex adattati għal relazzjoni qaddisa ma' Alla. Is-smewwiet ikun post ta' turment għall-midneb mgħaddas fid-dnub, jobgħod lil Alla u lis-sewwa. Ġesù qal:

> *"Henjin dawk li huma safja f'qalbhom,*
> *għax huma jaraw 'l Alla" (Mattew 5:8).*

Il-Kristjaneżmu huwa l-uniku sistema li tista' tibdel,

toħloq mill-ġdid, u tnaddaf lill-midneb. Dan huwa jagħmel billi jintroduċi prinċipji ġodda ta' azzjoni fil-moħħ u jimla' l-qalb b'influwenzi tas-smewwiet. Il-filosofiji tal-bnedmin ma jistgħux jagħmlu bniedem vulgari tajjeb, imma t-tagħlim ta' Kristu, meta jiġi emmnut u obdut, jippurifika l-qalb u jirriforma l-ħajja (1 Pietru 1:22). Mela, il-midinba jeħtieġu fehma qawwija u kundanna tad-dnub; huma jeħtiġilhom li jkunu kkonveruti, jew imwielda mill-ġdid. Il-ħajja ġdida għandha tibda b'dan.

## III. IMWIELED MILL-ILMA U L-ISPIRTU

Issa li rajna lit-*twelid ġdid* huwa assolutament neċessarju għal dħul fis-saltna ta' Alla, it-tifsira tat-terminu "imwieled mill-ilma u l-Ispirtu" jeħtieġ issa li tkun id-determinata.

### A. ĦTIĠIJIET GĦAL TWELID

Għal twelid, żewġ affarijiet huma meħtieġa: (1) tnissil u (2) li ġġib 'il quddiem. Dak kollu li jkun imwieled ikun l-ewwel *imnissel* u dan dejjem ikun permezz taż-żerriegħa; u wara dan ikun miġjub *'il quddiem* bħala ħolqien ġdid. Hekk, fl-istat spiritwali wieħed ukoll ikun imnissel u miġjub 'il quddiem.

### B. IT-TNISSIL

La darba ma jistax ikun hemm ħajja la fl-istat fiżiku u lanqas fl-istat spiritwali mingħajr ma jkun hemm l-ewwel tnissil, u billi Alla Hu għall-Kristjani kollha Missierhom (Mattew 6:9, 23:9; Efesin 3:14-15; 4:6; Rumani 1:7; 1 Ġwanni 3:1-2), aħna ngħidu li wieħed huwa *mnissel minn Alla*:

> *"Kull min jemmen li Ġesù hu l-Messija, hu mnissel minn Alla*" (1 Ġwanni 5:1; 2:29; 4:7).

Fit-twelid fiżiku, meta t-*tnissil* u li tkun *miġjub 'il quddiem* ikunu msemmija flimkien, il-kelma *mwieled* hija wżata; imma jekk dawn jiġu kkunsidrati separatament, ix-xogħol tal-missier huwa muri bħala *tnissil*. Fil-lingwa Griega kelma waħda biss hija wżata—"*gennao*"—u din hija tradotta kemm *imnissel* u kemm *imwieled*. Fil-Malti hemm żewġ kelmiet li jaqblu għall-kelma fil-Grieg. Meta l-idea jkollha x'taqsam mal-missier, din hija sewwa mfissra *mnissel*; imma meta l-idea jkollha x'taqsam ma' l-omm, il-kelma hija tradotta *mwieled*; u meta r-relazzjoni tat-tarbjia hija rriferuta għaż-żewġ ġenituri, din hija *mwieled* (Mattew 1:2; 2:1).

## 1. Imnissel minn Alla – Imnissel mill-Evanġelju

Is-siltiet mill-Iskrittura li ġejjin juru *kif* in-nies huma mnissla mill-Missier:

(a) "*Bir-rieda tiegħu (ta' Alla)* ***nissilna*** *(wilidna)* ***bil-kelma tas-sewwa,*** *biex inkunu xorta ta' l-ewwel frott tal-ħlejjaq tiegħu*" (Ġakbu 1:18; enfasi tiegħi.)

(b) "*Iż-żerriegħa hi l-kelma ta' Alla*" (Luqa 8:11; Mark 4:30). Mela, il-Kelma ta' Alla hija l-istrument tat-*twelid ġdid*, iż-*żerriegħa spiritwali li biha wieħed ikun imnissel*.

(ċ) "*Ma twelidtux mill-ġdid minn nisel li jitħassar, imma minn nisel li ma jitħassarx, bis-****saħħa tal-kelma ta' Alla*** *li tgħix u tibqa' għal dejjem... U din hi l-kelma li bl-evanġelju hi mxandra lilkom*" (1 Pietru 1:23-25; enfasi tiegħi). Hawn, għal darb'oħra huwa kkonfermat

li l-evanġelju hu *ż-żerriegħa* li ma titħassarx li bih wieħed jitnissel.

(d) "*Għax imqar ikollkom għaxart elef imgħallem fi Kristu,* ***jiena nissiltkom fi Kristu Ġesù permezz ta' l-evanġelju***" (1 Korintin 4:15; enfasi tiegħi). B'żieda għal l-evanġelju li hu l-istrument tat-tnissil, dan il-vers ukoll jgħid li Alla jinkariga aġenti biex iżommu l-istrument li bil-mezzi tagħhom il-qawwa tat-tnissil Tiegħu tkun miġjuba biex tnissel fil-qalb tal-bniedem. Alla nissel lill-Korintin permezz ta' l-influwenza ta' l-appostlu Pawlu u l-istrumentalità tal-Kelma ta' Alla. Mela, f'termini litterali, l-appostlu Pawlu seta' qalilhom, "*Jiena għamiltkom emmiena billi ppridkajtilkom l-evanġelju.*" (Filemon 10...)

**Li tkun imnissel u li tkun magħmul emmieni huma l-istess ħaġa**. Billi l-fidi tiġi mis-smigħ tal-Kelma ta' Alla (Rumani 10:17), u billi dak li għandu l-fidi jkun imnissel (1 Ġwanni 5:1), dan hu kif Alla jnissel: Hu jipproduċi l-fidi fil-qalb permezz ta' l-evanġelju. Għalhekk, meta l-appostli ppriedkaw l-evanġelju lin-nies u dawn in-nies irċevewh u emmnuh, huma kienu mnissla minn Alla. Għaldaqstant, *il-qawwa biex tnissel fin-nies ħajja spiritwali hija l-evanġelju* u mingħajru ma jistax ikun hemm ħajja spiritwali.

### 2. **Imnissel minn Alla – Imnissel mill-Ispirtu**

L-Iskrittura tgħallem li l-Ispirtu s-Santu ta l-evanġelju permezz ta' rġiel ispirati (1 Pietru 1:12; 2 Pietru 1:21; Ġwanni 16:13; Atti 2:4). Għalhekk, meta wieħed ikun imnissel mill-Missier permezz tal-Kelma billi jemmen l-evanġelju, dan jista' wkoll jintqal li kien imnissel jew imwieled mill-Ispirtu. L-Ispirtu s-Santu jnissel billi

jħawwel il-Kelma ta’ Alla, iż-żerriegħa li ma titħassarx, fil-qlub tan-nies permezz ta’ l-evanġelju. L-evanġelju kien l-ewwel imlissen mill-Ispirtu s-Santu permezz ta’ nies ispirati, imbagħad wara kien miktub minn nies iggwidati Minnu. Illum it-Testment il-Ġdid huwa l-ktieb ispirat li fih dak il-messaġġ ta’ l-evanġelju.

Għalhekk, fl-Iskrittura l-att tat-tnissil huwa attribwit għal dawn il-persuni: (1) Alla, (2) l-Ispirtu s-Santu, u (3) il-predikatur (Ġwanni 1:13; 3:5-8; 1 Korintin 4:15). Għal din ir-raġuni l-Bibbja fiha espressjonijiet bħal: “imwielda minn Alla;” “imwieleda mill-Ispirtu,” u “mnissel permezz ta’ l-evanġelju.” Dawn kollha għandhom x’jaqsmu ma’ l-istess twelid. Wieħed mhuwiex imwieled minn Alla, imbagħad mill-Ispirtu u mbagħad mill-Kelma ta’ Alla.

Wieħed għandu jiftakar, iżda, li l-Ispirtu dejjem *inissel permezz ta’ l-evanġelju*; it-tnissil ikun imwettaq bis-smigħ tal-persuna tal-messaġġ ta’ l-Ispirtu s-Santu, il-Kelma tal-verità, kif tinsab fit-Testment il-Ġdid. Bħala illustrazzjoni, fl-istqarrija ta’ l-appostlu Pawlu f’Antijokja, huwa tkellem *dwar “il-kliem tal-profeti li jinqraw kull nhar ta’ Sibt*” (Atti 13:27). Dawk in-nies semgħu l-*vuċijiet* tal-profeti. Għalkemm il-profeti kienu ilhom mejta xi mijiet ta’ snin; madankollu, meta t-Testment il-Qadim kien moqri, in-nies semgħu lill-profeti jitkellmu billi semgħu l-*kitba* tal-profeti. L-istess, innies illum jisimgħu l-vuċi ta’ l-Ispirtu s-Santu billi jisimgħu l-Kelma ta’ Alla—il-messaġġ mogħti mill-Ispirtu s-Santu permezz ta’ nies ispirati (1 Korintin 2:13; 1 Tessalonikin 1:13; Rivelazzjoni 2:7-11). U, dan huwa l-*uniku* mod li bih wieħed jisma’ l-vuċi ta’ l-Ispirtu s-

Santu. In-nies "jirreżistu lill-Ispirtu s-Santu" billi jirriġettaw il-kliem Tiegħu u jirrifjutaw li jobduh (Atti 7:51-52; Neħemija 9:26-30).

Meta l-evanġelju, iż-żerriegħa tas-saltna, isib post jew lok fil-qalb u jkun imħolli li jibqa' hemm, dan jipproduċi ħajja spiritwali. Dak li jkun twieled mill-ġdid permezz ta' l-influwenza ta' l-evanġelju jkun twieled mill-Ispirtu. Kristu qal,

> *"Hu l-Ispirtu li jagħti l-ħajja; il-ġisem ma jiswa xejn: il-kliem li ngħidilkom huma spirtu, u ħajja"* (Ġwanni 6:63).

Għaldaqstant, Alla u l-Ispirtu jagħtu l-ħajja divina fil-proċess tat-tnissil permezz tal-Kelma.

Fi ftit kliem, dawn huma l-fatti ppreżentati sa issa:

1. *Tnissil* mill-Ispirtu huwa neċessarju għal twelid mill-ġdid.
2. L-evanġelju kien mogħti mill-Ispirtu s-Santu.
3. Alla, permezz ta' l-Ispirtu, inissel nies permezz tal-Kelma tal-verità.
4. Dawk li jemmnu li Ġesù hu 'l Kristu huma mnissla minn Alla.

Għalhekk,

1. Alla Hu l-Awtur tat-*twelid mill-ġdid*.
2. L-Ispirtu s-Santu Hu l-Aġent Tiegħu
3. Il-messaġġ huwa pproklamat mill-bniedem.
4. L-evanġelju huwa l-istrument użat mill-Ispirtu.
5. Il-Kelma ta' Alla hija milqugħa mill-midneb.

Dawn il-ħames fatti huma dejjem misjuba joperaw flimkien fix-xogħol tat-tnissil mill-ġdid. Ħadd ma huwa

mwieled mill-ġdid permezz ta' nuqqas ta' twemmin, lanqas ma hemm xi eżempju fil-Bibbja ta' xi bniedem li kien imnissel mill-ġdid kontra r-rieda tiegħu. Għal-kemm wieħed m'għandu x'jaqsam xejn mat-twelid fiżi-ku tiegħu, huwa għandu x'jaqsam mat-twelid spiritwali tiegħu; huwa għandu jisma' u jobdi l-evanġelju.

Hekk, l-ispirtu tal-bniedem huwa operat fuqu mill-Ispirtu s-Santu. Il-bniedem ta' ġewwa jiġġedded fil-għerf (Kolossin 3:10; Efesin 4:24). L-*ispirtu* tal-bnie-dem jitwieled mill-ġdid, imma l-ġisem ma jinbidilx sal-qawmien.

## 3. Tnissil Mhuwiex Biżżejjed

L-espressjoni "dak li jitwieled" (Ġwanni 3:6), *turi l-proċess kollu tat-twelid* mill-konċepiment sal-ħlas.

Wara li wieħed ikun *imnissel*, dan ikun imbagħad jista' jiġi mwieled (Ġwanni 1:11-13). Meta wieħed jem-men, huwa jkollu s-setgħa, id-dritt, jew il-privileġġ, li *jsir iben*. L-ispirazzjoni tgħidilna,

> "*Iżda lil dawk kollha li laqgħuh, tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla; lil dawk li jemmnu f'ismu: li twieldu, mhux mid-demm, u lanqas mir-rieda tal-ġisem, u lanqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla*" (Ġwanni 1:12-13).

"*Tahom is-setgħa li* ***jsiru***" u mhux **għamilhom** "*ulied Alla.*" Persuna ma tkunx iben jew bint ta' Alla, jew salva, sewwasew fil-*mument* li hija temmen Fih. Jekk din il-persuna kienet iben jew bint mill-mument tal-fidi tagħha, is-setgħa ma tistax tkun mogħtija lilha biex *issir*

iben jew bint ta' Alla! Il-Bibbja Mqaddsa tgħid li wieħed mhuwiex salv "bil-fidi biss" (ara Ġakbu 2:24). Wara t-tnissil, għandu jkun hemm li wieħed ikun *miġjub 'il quddiem* ħalli jitkompla l-proċess tat-twelid. Persuna tista' tkun imnissla u qatt ma titwieled għall-ħajja.

## Ċ. IT-TWELID

### 1. Titwieled mill-Ilma

Li "titwieled mill-ilma" jfisser li titgħammed. "Ilma" sempliċiment *ifisser ilma*. Jekk le, għaliex le? Għalkemm il-proċess tad-dħul fis-saltna ta' Alla hu spjegat bl-analoġija ta' twelid, dan ma jfissirx li l-kelma *ilma* hija figurattiva. Il-kliem *ilma* u *Spirtu* huma wżati letteralment; huma jfissru dak li huma jgħidu—ilma u Spirtu. Ħadd ma jista' qatt jaqra Ġwanni 3:5 u jaħseb li Kristu fisser xi ħaġa oħra ħlief *ilma* u *Spirtu* li kieku mhux għax hemm tant tagħlim falz mgħallem mill-bniedem dwar il-magħmudija!

Jekk il-kelma "ilma" ma tfissirx ilma, ifisser "Spirtu" spirtu? Jekk "ilma" jfisser "Spirtu," kif jgħidu xi wħud, allura s-silta għandha tinqara, "Jekk wieħed ma jitwilidx mill-ispirtu u l-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-saltna ta' Alla." Dan hu assurd! Jekk *ilma* u *Spirtu* jfissru l-istess, kien ikun hemm għalfejn għal Kristu li jirripeti l-kliem mingħajr bżonn? *Ilma u Spirtu* mhumiex l-istess, lanqas ma l-ilma huwa simbolu ta' l-Ispirtu. Xi wħud jgħidu li l-kelma "ilma" tissimbolizza l-Kelma ta' Alla, imma dan hu kontradizzjoni għal Efesin 5:26:

> "*U dan għamlu biex iqaddisha u jnaddafa bil-ħasil ta' l-**ilma** u l-**Kelma**…*"
> (enfasi tiegħi).

Xi wħud jippruvaw li jagħmlu dan jinqara "ilma ħaj" (Ġwanni 4: 10; 7:38), imma din l-idea hija rrifjutata minn Rivelazzjoni 22:17,

> *"L-Ispirtu u l-għarusa jgħidu: Ejja. U min jisma' ħa jgħid: Ejja. U ħa jiġi min hu bil-għatx. U kull min irid, ħa jieħu l-ilma tal-ħajja b'xejn."*

Oħrajn jgħidu, "Jiena ma nafx xi tfisser din, imma naf li ma tfissirx ilma." Kif huma jafuh dan? Ċertament li mhux mill-Bibbja!

Żball komuni fit-tagħlim tal-bniedem huwa illi li "tit-wieled mill-ilma" tirreferi għat-twelid naturali u "titwie-led mill-Ispirtu" tirriferi għat-*twelid mill-ġdid*. Imma din it-teorija tagħmel ħsara lil lingwa ta' Ġesù. Kristu ma qalx, "Jekk tarbija ma titwilidx mill-ilma u raġel jit-wieled mill-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-saltna ta' Alla." Imma Hu qal, "Jekk *wieħed* (raġel, adult) ma jitwilidx mill-*ilma u l-Ispirtu*, ma jistax (ir-raġel, bniedem, diġa' mwieled fiżikament) jidħol fis-saltna ta' Alla." It-twelid naturali *mhuwiex* it-twelid ta' l-ilma fi Ġwanni 3:5. *Fluwidu Amnjotiku* huwa s-sustanza fit-twelid naturali, mhux ilma (ara d-*Dizzjunarju ta' Webster*). Nikodemu kien twieled minn ġenituri umani—it-twelid naturali; issa Ġesù Kristu jgħidlu li għandu jitwieled mill-ġdid—mhux fiżikament, imma mill-ilma *u* l-Ispirtu (mit-tnejn) biex isir ċittadin tas-saltna ta' Alla. L-ilma ta' din is-sil-ta huwa dak tat-twelid spiritwali u mhux dak tat-twelid fiżiku. Nikodemu ma staqsiex kif tarbija tista' titwieled fid-dinja, imma, *"Kif jista' bniedem jitwieled meta hu xiħ?"* It-tweġiba ta' Kristu kienet, *"Hu jitwieled mill-*

*ilma u l-Ispirtu.*"

Ir-raġuni li "ilma" ma jfissirx *ilma* għal xi wħud hija li dan jagħmel il-magħmudija essenzjali għas-salvazzjoni u dawn in-nies ma jridux jemmnu li l-magħmudija hija *kondizzjoni* tal-maħfra. Fi sforz biex isalvaw id-dottrina falza tagħhom sar ħafna logħob bil-kliem ħalli jevitaw it-tagħlim ovvju ta' Ġesù Kristu. L-isfortuna hija, li ħafna niex sinċiera jinqabdu f'dak it-tagħlim żbaljat!

Il-biċċa l-kbira ta' l-iskulari jaqblu li l-kelma "ilma" tirreferi għall-magħmudija. *Il-magħmudija hi l-unika att li għalih din tista' tirriferi*. Il-magħmudija hija l-unika ċerimonja reliġjuża li għandha rabta mas-salvazzjoni li tagħmel użu mill-ilma. *Ma hemm xejn li jikkorrespondi għal twelid ta' l-ilma fil-pjan kollu tal-fidwa ta' Alla ħlief immersjoni fl-ilma*. Fis-sistema Kristjana l-ilma *qatt* ma huwa wżat f'xi ordinanza jew ċerimonja ħlief fil-magħmudija. Għalhekk, bl-ordni ta' Kristu, l-għola awto-rità fis-smewwiet u fuq l-art, il-magħmudija hija essenzjali biex tikseb il-barkiet kollha tas-saltna (Mattew 28:18-19). Jekk aħna lesti linħallu l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha allura m'għandna jkollna l-ebda diffikultà f'li nifhmu xi jfisser it-twelid mill-ġdid. ħalli naraw x'tgħid il-Kelma ta' Alla dwar dan.

## (a) Il-magħmudija hija Immersjoni

L-*att* tal-magħmudija huwa immersjoni; huwa kemm difna kif ukoll qawmien. Wieħed ikun imniżżel kompletament taħt wiċċ l-ilma u jiġi 'l quddiem barra mill-ilma. L-appostlu Pawlu jiddikjara b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu:

*"Għalhekk aħna midfunin miegħu bil-magħmudija fil-mewt; biex bħalma Kristu qam mill-imwiet bil-glorja tal-Missier, hekk ukoll aħna nimxu* ***fit-tiġdid tal-ħajja****"*(Rumani 6:4; enfssi tiegħi).

*"Midfunin miegħu fil-magħmudija, li fiha intom ukoll qomtu miegħu permezz tal-fidi fil-qawwa ta' Alla, li qajmu minn bejn l-imwiet" (Kolossin 2:12).*

L-appostlu Pawlu uża espressjoni li tixbaħ lil dik ta' Kristu (Ġwanni 3:5) fejn irrefera għall-qawmien ta' Ġesù. Hu qal li Kristu kien l-ewwel mill-imwiet (Kolossin 1:18). Il-Mulej kien midfun fil-qabar u minnu Hu ġie 'l quddiem; għalhekk, *imwieled* mill-imwiet. Is-Salvatur huwa l-ewwel biex jiġi mill-qabar ħalli ma jmut qatt aktar u għalhekk, huwa, l-ewwel *imwieled* mill-imwiet. Jekk li tqum mill-qabar ifisser li titwieled mill-imwiet, mela, li tqum mill-ilma jfisser li *titwieled mill-ilma*.

L-individwu li kellu ilma mraxxax fuq rasu ma jistax verament jgħid li hu kien midfun ma' Kristu bil-magħmudija. Persuna ma tistax tkun *imwielda mill-ilma* meta ftit qtar huma wżati għall-magħmudija. *Ilma biss qatt ma kien imraxxax fuq xi persuna għal xi skop f'xi żmien tal-Bibbja bl-awtorità tal-Mulej.*

Għalhekk, li titwieled mill-ilma jfisser il-magħmudija; jiġifieri, il-magħmudija ta' penitent li jemmen. Li tkun imwieled mill-ilma u li tkun mgħaddas u mtella' *f'ħajja ġdida* huma l-istess, identiċi. Għalhekk, il-persuna li ma kinetx mgħaddsa mhijiex fis-saltna, għaliex l-

immersjoni hija parti *mit-twelid mill-ġdid*.

Rumani 6:4 jgħid,

> "*...hekk ukoll aħna nimxu fit-tiġdid tal-ħajja*."

Meta tarbija titwieled din tibda ħajja ġdida fiżika. Bl-istess mod. Meta persuna *titwieled mill-ġdid* spiritwalment, din tibda timxi *fit-tiġdid tal-ħajja*, jiġifieri, *tibda ħajja ġdida*. Imma dan jista' jsir *biss* permezz tal-magħmudija (Rumani 6:4b).

Xi wħud għandhom l-idea żbaljata għal kollox dwar x'inhi l-magħmudija. Huma jgħidu li l-magħmudija hija opra u għalhekk aħna ma nistgħux insalvaw bl-opri tagħna u minħabba f'hekk il-magħmudija mhix meħtieġa għas-salvazzjoni, mhix prerekwiżit għas-salvazzjoni. Li kieku biss huma jħallu l-Kelma ta' Alla tgħidilhom hi x'inhi l-magħmudija u mhux lill-bnedmim huma jkunu jafu eżatt x'inhi l-magħmudija. L-Ispirtu s-Santu jgħidilna permezz ta' Pietru,

> "*Dan l-ilma kien ifisser il-magħmudija, li issa ssalva lilkom ukoll. Mhux għax tnaddaf il-ħmieġ tal-ġisem, imma għax HI TALBA LIL ALLA ħierġa minn kuxjenza safja bis-saħħa tal-qawmien ta' Ġesù Kristu.*" (1 Pietru 3:21).

Il-magħmudija mhix xi ħaġa materjali, fiżika, li ssir sempliċiment biex wieħed jinħasel u jindaf *fiżikament* (opra) imma hija xi ħaġa *spiritwali*, "*HI TALBA LIL ALLA*" mhux xi ħaġa *esterna* imma xi ħaġa *interna*, xi ħaġa li wieħed għandu jkollu kuxjenza safja ħalli toħroġ minnha! Għalhekk il-magħmudija "*issa ssalva lil-*

*kom ukoll.*" Hija ssalva għaliex Alla jilqa' dik it-talba ħierġa minn kuxjenza safja. Hija ssalva għaliex wieħed "imut ma' Kristu" u "jqum ma' Kristu biex jgħix ħajja ġdida" (Rumani 6:3-5). Hija ssalva għaliex permezz tagħha wieħed "jilbes 'il Kristu." (Galatin 3:27). Hija ssalva għaliex meta wieħed jitgħammed huwa jkun qiegħed *jobdi* l-kmand tal-Mulej (Mark 16:16; Rumani 6:17). Għalhekk il-magħmudija mhix opra imma hija ubbidjenza għall-liġi ta' Alla!

**(b) Il**-bniedem **Kollu Kemm Hu Jipparteċipa**

Jintqal illi l-bniedem kollu (il-ġisem inkluż) jipparteċipa fit-*twelid mill-ġdid* u li dan it-twelid ma jkunx komplut sakemm il-bniedem *kollu* jkun ħa sehem (ipparteċipa). Dan huwa tassew. Il-*ġisem* huwa mgħaddas fl-ilma, imma f'dan l-att li jidher l-ispirtu mibdul fil-bniedem qiegħed jobdi l-kmand tal-Mulej (Rumani 6:16-18). Il-magħmudija mhix sempliċiment att fiżiku; kieku dan kien minnu, il-magħmudija tista' tkun effettwata billi tisforza bniedem taħt l-ilma u t-tellgħu 'l barra mill-ilma. Imma magħmudija skritturali teħtieġ li l-individwu jkollu l-fidi u jindem (Mattew 28:18-20; Mark 16:15,16; Atti 2:38; 8:12; 35:38). Għal din ir-raġuni tarbija ma tistax tkun mgħammda skritturalment għaliex hija għandha nuqqas tal-ħtiġijiet ta' qabel il-magħmudija. L-ispirtu tal-bniedem (il-bniedem ta' ġewwa) jisma' l-evanġelju, jemmen u jdur għal Alla b'xewqa sinċiera biex iservih. Minħabba f'hekk, meta t-*twelid mill-ġdid* ikun imwettaq *il-moħħ ikun imġedded*, il-qalb tkun mibdula, il-fidi pproduċuta, u *l-individwu jkun mgħammed fi Kristu*.

## 2. Imwieled mill-Ispirtu

Billi ssegwi l-istruzzjonijiet ta' l-Ispirtu persuna tkun mgħaddsa (mgħammda). Hija tkun mgħammda skond id-direzzjonijiet ta' l-Ispirtu wara li tkun semgħet u emmnet il-messaġġ ta' l-Ispirtu. L-Ispirtu s-Santu Hu l-aġent divin fiż-żewġ azzjonijiet tat-twelid spiritwali—it-tnissil u l-ħlas, u l-Kelma ta' Alla miktuba hija l-istrument li l-Ispirtu juża' f'li jġib dawn l-azzjonijiet.

Mela, f'li jkun imwieled fl-Ispirtu, l-ispirtu tal-bniedem iġarrab bidla profonda u vitali fit-tnissil u l-ġibdiet tiegħu, li hija effettwata permezz ta' l-Ispirtu s-Santu. Permezz ta' l-Ispirtu l-qalb tal-bniedem tkun imnissla mill-ġdid bi prinċipji ġodda u qaddisa ta' ħajja u l-imħabba għad-dnub tkun abbandunata. L-individwu jiddeċiedi li jdur għal Alla f'ubbidjenza sħiħa u jkun mgħaddas fl-ilma, u jqum biex jgħix ħajja ta' qdusija. F'dan il-mod nies huma "mwielda mill-Ispirtu"; huma magħmula Kristjani permezz "tal-liġi ta' l-Ispirtu" (Ġwanni 3:8; Rumani 8:2). *Kull bidla fil-proċess kollu hija ikkontrollata mill-Ispirtu ta' Alla.*

### (a) L-Eżempju tar-Riħ

Hemm ħafna kontroversja, madankollu, dwar ix-xogħol ta' l-Ispirtu s-Santu bħala aġent fit-tnissil mill-ġdid (riġenerazzjoni). Meta wieħed jibda jisma' l-interpretazzjonijiet diversi dwar dak li qal il-Mulej tagħna Ġesù Kristu fi Ġwanni 3:8 dan jibqa' mistagħġeb sa fejn il-bniedem jista' jasal bl-interpretazzjonijiet tiegħu!

Ħafna minn din id-diskussjoni kienet ikkaġunata minn fehma ħażina tal-lingwa tas-Salvatur kif inhi mniżżla fi Ġwanni 3:8. Ġesù qal,

> *"Ir-riħ fejn irid jonfoħ: tisma' ħossu, imma ma tafx mnejn hu ġej jew fejn hu sejjer: Hekk hu* ***kull wieħed*** *li jitwieled mill-Ispirtu."*

Ħafna jaħsbu li dan il-vers jgħallem l-operazzjoni diretta, li ħadd ma jista' jifhimha u misterjuża ta' l-Ispirtu s-Santu fil-konverżjoni; lit-tnissil mill-ġdid huwa ta' minnufih, mirakoluż; u esperjenza li ma tistax tfissirha, aħjar tinħass milli tintqal. Huma jgħidu li kif ir-riħ jiċċaqlaq misterjożament, hekk jagħmel l-Ispirtu, jonfoħ (in-nifs) fuq min Hu jrid arbitrarjament, b'hekk jaffettwa l-bidla ta' ġewwa msejħa t-twelid ta' l-Ispirtu. Xi wħud jippruvaw li jagħmlu "hekk hu kull wieħed **li** jitwieled mill-Ispirtu" li tfisser "f'mod misterjuż." Ġesù ma kienx qiegħed jitkellem dwar it-*twelid mill-ġdid* bħala proċess mirakoluż, lanqas ma kien qiegħed jitkellem primarjament dwar l-operazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu. Barra minn dan, Ġesù ma qalx illi t-*twelid mill-ġdid* jixbaħ lir-riħ jonfoħ, jew li l-Ispirtu huwa bħar-riħ jonfoħ.

H. Leo Boles qal:

> Ġwanni 3:8 għandu riferenza għal "wieħed" (l-individwu) u mhux il-proċess tat-twelid[1]

David Lipscomb għamel dan il-kumment:

> "Il-bniedem li jkun imwieled, jew imnissel, mill-Ispirtu mhuwiex il-bniedem

---

[1] *(Boles, H. Leo,* ***Boles' Outlines****, p. 106, Nashville: B.C. Goodpasture, Publisher, 1945).*

> tal-laħam li inti tista' tara, imma li ma jinħassx, il-parti spiritwali tal-bniedem —l-ispirtu, l-inviżibbli, bħar-riħ"[2]

Mela, ma turix l-illustrazzjoni tar-riħ jonfoħ li ma jidhirx illi s-saltna ta' Kristu hija saltna *spiritwali*; u li huwa l-ispirtu tal-bniedem, il-bniedem ta' ġewwa, li jkun imnissel jew imwieled mill-Ispirtu? Allura l-istqarrija ta' Kristu fi Ġwanni 3:8 ma tistax tappoġġja t-teorija ta' l-operazzjoni diretta ta' l-Ispirtu s-Santu fit-tnissil mill-ġdid. Huwa assurd għal xi ħadd li jinsisti li l-Ispirtu jaħdem bħar-riħ, jonfoħ hawn u hemm, jikkonverti nies indipendentament mir-rieda tagħhom, jiġifieri, permezz ta' att tar-rieda ta' Alla li ma tistax tieqaflu!

### (b) Kif Jopera l-Ispirtu

Il-Bibbja tgħallem ċar ħafna li l-Ispirtu jaħdem fit-tnissil mill-ġdid permezz tal-Kelma ta' Alla u mhux indipendentament:

> "*Il-liġi tal-Mulej perfetta, u taħji r-ruħ: ix-xhieda tal-Mulej hi sewwa, u tagħmel għaref lill-belhieni*" (Salm 19:7).

> "*Bir-rieda tiegħu wellidna bil-kelma tal-verità, biex inkunu qisna l-ewwel frott tal-ħlejjaq tiegħu*" (Ġakbu 1:18)

Jista' l-kliem ikun aktar ċar minn hekk? L-Ispirtu ġie għand l-appostli u huma tkellmu "*kif l-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu*" (Ġwanni 16:7-14; Atti 2:1-4).

---

[2] *(Libscomb, David,* ***A Commentary on the Gospel of John****, p. 46, Nashville: Gospel Advocate Company, 1939).*

Meta n-nies semgħu lil l-appostli, jiġifieri, *huma semgħu lil l-Ispirtu jitkellem permezz ta' l-appostli*, u emmnu u obdew dak il-messaġġ, it-*twelid mill-ġdid* kien ipproduċut. Ma hemm imkien imniżżel fil-Bibbja kollha dwar persuna waħda li kienet imwielda mill-ġdid b'xi influwenza ta' l-Ispirtu li ma tistax tkun spjegata jew mifhuma. Ebda għalliem ispirat ta' l-evanġelju qatt ma qal lit-tnissil mill-ġdid kien miksub jew imwettaq permezz tax-xogħol dirett ta' l-Ispirtu apparti mill-Kelma ta' Alla. Huma m'għallmux lill-midinba barranin biex jiġu fuq l-artal u *jitolbu* għas-salvazzjoni, lanqas biex *jitolbu permezz* ħalli huma jistgħu jkunu salvi. Lanqas ma huma qalu xi ħaġa dwar *konverżjonijiet istantanji* (ta' mad-daqqa u l-ħin), *tieħu r-reliġjon*, u laqnas li *jkollok esperjenza tal-grazzja*. Dan kollu huwa ta' oriġini moderna u juri nuqqas ta' għarfien tat-tagħlim ta' l-Iskrittura fuq is-suġġett dwar *kif* l-Ispirtu s-Santu jaħdem fit-*twelid mill-ġdid*. Il-qawwa li biha Alla jsalva u jagħmel lin-nies uliedu hija l-evanġelju. L-appostlu Pawlu dan jgħidu ċar ħafna f'Rumani 1:16-17:

> "*Għax jien ma nistħix mill-***evanġelju** *ta' Kristu:* ***għax hu l-qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni*** *ta' kull min jemmen; l-ewwel tal-Lhudi, u tal-Grieg ukoll. Għax fih jidher il-ħaqq ta' Alla minn fidi għal fidi: bħalma hu miktub: il-ġust jgħix bil-fidi*" (Enfasi tiegħi).

Li l-midneb ma jistax jiġġenera lilu nnifsu huwa minnu, iżda hu jista' u *għandu* jirċievi l-Kelma .

Għaldaqstant, operazzjoni mirakoluża ta' l-Ispirtu s-

Santu fit-*twelid mill-ġdid* mhijiex mgħallma fil-Bibbja Mqaddsa. L-Ispirtu dejjem jagħmel ix-xogħol Tiegħu tar-riġenerazzjoni permezz tal-Kelma u *qatt* f'xi manjiera diretta jew misterjuża. L-evanġelju huwa l-mezz li permezz tiegħu l-ħajja spiritwali tkun ikkomunikata; il-mikrobu tat-tnissil qiegħed fiż-żerriegħa ħajja. Ukoll għalkemm nies ispirati mhumiex jgħixu llum, in-nies għandhom il-kliem li huma kitbu, għax l-Iskrittura hija ispirata minn Alla (2 Timotju 3:16-17; 2 Pietru 1:20-21). Mela, meta n-nies jisimgħu dak il-messaġġ huma jkunu qegħdin jisimgħu l-messaġġ ta' l-Ispirtu s-Santu, u meta jobdu l-evanġelju huma *jitwieldu mill-ġdid* mill-Ispirtu. Meta nies jisimgħu u jemmnu l-Kelma ta' Alla, huma jkunu *mnissla*; u meta mbagħad ikunu mgħammdin permezz tad-direzzjoni ta' l-Ispirtu (1 Korintin 12:13), huma jkunu *mwielda mill-Ispirtu*. It-tieni twelid huwa twelid ta' l-Ispirtu u l-evanġelju huwa l-istrument li l-Ispirtu dejjem juża' f'dan ix-xogħol.

## 3. Sommarju

Fl-istat spiritwali persuna tkun imnissla minn Alla, il-Missier, permezz ta' l-evanġelju, iż-żerriegħa. Tkun mela *mnissla*, jew magħmula emmieni, dik il-persuna tkun imwielda fil-familja ta' Alla meta l-fidi tagħha, taħdem bl-imħabba, twassalha biex tindem, tistqarr u tkun mgħaddsa skond it-tagħlim ta' l-Ispirtu (ara Atti 2:38; Rumani 10:9-10; Mark 16:16; Galatin 3:26-27; 5:6; Ġwanni 14:15). Hija mbagħad tkun miġjuba 'l quddiem mill-magħmudija biex tgħix ħajja ġdida.

## IV. TIBDA ĦAJJA ĠDIDA

It-twelid il-ġdid iħaddan parti mill-ħajja mogħtija lilu permezz taż-żerriegħa u l-ħruġ 'il quddiem ta' ħolqien ġdid fi stat ġdid. Twelid huwa bidla minn post għall-ieħor, bidla ta' stat jew relazzjoni, li tirriżulta f'ħajja ġdida fi stat ġdid. Permezz tat-*twelid ġdid* persuna tkun mibdula jew meħuda f'ambjent ġdid. Meta dan it-trasferiment ikun magħmul? X'inhu l-istat?

> "*Għalhekk jekk xi ħadd hu fi Kristu, hu* ***ħolqien ġdid****: il-qadim mar; ara, issa kollox sar ġdid*" (2 Korintin 5:17; enfasi tiegħi).

Billi wieħed hu kreatura ġdida *fi Kristu*, dan jidħol fil-ħajja ġdida meta jidħol fi Kristu. Imma *meta wieħed* jidħol fi Kristu?

> "*Ma tafux, li ħafna minna li* ***konna mgħammdin f'Ġesù Kristu****, konna mgħammdin fil-mewt tiegħu?*" (Rumani 6:3; enfasi tiegħi).

> "*Għax intom ilkoll li* ***tgħammidtu fi Kristu*** *lbistu 'l Kristu*" (Galatin 3:27; enfasi tiegħi).

Għaldaqstant, il-ħajja tibda meta l-evanġelju jkun ippridkat u persuna temmnu; imbagħad il-penitent li jkun emmen ikun mgħammed fi Kristu permezz tad-direzzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu, u huwa hawn li l-ħajja ġdida tkun gawduta.

Persuna hija *mgħammda fi Kristu*, u l-persuna *fi Kristu* hija ħolqien ġdid, kreatura ġdida—Kristjana. Il-

magħmudija hija l-mezz appuntat mill-Ispirtu s-Santu biex jibdel lil l-emmieni minn stat għall-ieħor u jpoġġi lill-persuna fi Kristu.

It-*twelid mill-ġdid* huwa l-proċess li bih persuna tidħol fi Kristu, u l-magħmudija ta' l-ilma hija parti minnu. Persuna mhijiex ħolqien ġdid (imwielda mill-ġdid) sakemm hija tilbes 'il Kristu u persuna ma tkunx *fi Kristu* sakemm hija tkun *mgħammda fi Kristu*. Billi wieħed ikun imwieled mill-ġdid dan ikun meħlus missaltna ta' Satana u mdaħħal fis-saltna ta' Kristu fejn huwa jikseb il-maħfra tad-dnubiet (Kolossin 1:13-14).

L-appostlu Pawlu jgħid li wieħed ikun imqajjem minn ġo l-ilma biex "jgħix ħajja ġdida." Għaliex ħajja *ġdida*? Għaliex wieħed ikun imwieled mill-ġdid. *Ħajja ġdida* hija pproduċuta permezz ta' *twelid mill-ġdid* u hekk kif wieħed jitla' 'l fuq mill-ilma, mill-qabar ta' l-ilma tal-magħmudija, huwa f'dak il-ħin ikun tarbija mwielda ġdida fi Kristu, imwielda mill-ilma u l-Ispirtu. Għalhekk, "il-magħmudija *issalvana issa lkoll*" (1 Pietru 3:21). Minn xhiex issalvana? Mid-dnubiet tagħna talpassat. Jekk wieħed ikun imwieled mill-ġdid, jew *salv*, *qabel* ma hu jkun tgħammed, kif ħafna jiddikjaraw b'mod żbaljat għal kollox, għaliex huwa ma jimxix f'ħajja ġdida *qabel* il-magħmudija? Jista' dan jgħid li hu salv qabel ma jkun mgħammed meta l-Mulej jgħidilna ċar li hija "*l-magħmudija li issa ssalvana lkoll*"?

Wara li l-ispirtu tal-bniedem ikun mibdul mill-Ispirtu s-Santu permezz ta' l-evanġelju, dan għandu jżomm ħakma fuq il-ġisem, jikkonsagrah għal servizz divin (Rumani 6:12-13, 19). Il-Kristjan għandu jkompli jgħix il-ħajja l-ġdida. Billi wieħed ikun twieled mill-ġdid dan

mhux neċessarjament ifisser li huwa se jkun salv fis-smewwiet għaliex iben ta’ Alla jista’ jitbiegħed mit-tagħlim u jintilef għal dejjem u mhux kif igħallmu xi wħud li darba int salv, int salv għal dejjem! (ara 2 Pietru 1:4-11; 1 Korintin 10:1-12; Galatin 5:4; Rivelazzjoni 2:10). L-ispirtu tal-bniedem hu responsabbli għal l-opri tal-ġisem tiegħu billi l-ispirtu tal-bniedem jikkontrolla l-ġisem (1 Pietru 2:11; Proverbji 4:23; 2 Korintin 5:10). Il-Bibbja tgħallem li l-bniedem ikkonvertut għandu jġib il-ġisem tiegħu f’sottomissjoni u jużah bħala strument qaddis għall-glorja ta’ Alla jekk huwa jrid li jirċievi s-salvazzjoni ta’ dejjem (ara 1 Korintin 9:27; 6:19-20; Rumani 12:1; 8:12-13; Mattew 15:18-20).

# KAPITLU TNEJN
## Il-Vuċi ta' l-Iskulari

L-istqarrijiet tal-bnedmin ma jistgħux iżidu xi piż għall-awtorità tal-Kelma ta' Alla; iżda ħalli ninnutaw ftit kummenti fuq fuq magħmula minn nies magħrufa tad-dinja reliġjuża fuq it-tifsira ta' "*jitwieled mill-ilma*" fi Ġwanni 3:5.

Skond William Wall, storiku ekkleżjastiku ta' min joqgħod fuqu tal-Knisja ta' l-Ingilterra, il-kittieba kollha minn żmien Kristu għall-jiem ta' John Calvin qalu illi li "*jitwieled mill-ilma*" tfisser magħmudija.

> "Ma hemm lanqas kittieb wieħed Kristjan ta' xi antikità f'xi lingwa li ma jifhmux dan dwar il-magħmudija. U jekk dan ma jkunx mifhum hekk huwa diffiċli li tagħti rakkont kif persuna hija mwielda mill-ilma, aktar milli mill-injam" (William Wall, **History of Infant Baptism**, Vol. I, p. 92).

> "Il-Kristjani antiki kollha (mingħajr l-eċċezzjoni ta' raġel wieħed) jifhmu dik ir-regola tas-Salvatur tagħna, (Ġwanni 3:5) 'TASSEW, TASSEW, NGĦIDLEK: JEKK WIEĦED MA JITWELIDX MILL-ILMA U MILL-ISPIRTU, MA JISTAX JIDĦOL FIS-SALTNA TAS-SEMA,'' tal-magħmudija. Jiena kellu okkażjoni fl-ewwel parti li nġib ħafna waqtiet kbar ta' dak li jgħidu: fejn dawk kollha li jsemmu dak it-test, minn Justin

> Martyr l-isfel għal St. Austin, japplikawh hekk: u ħafna aktar jistgħu jinġiebu. Jiena nemmen li Calvin kien l-ewwel li qatt ċaħad dan il-post li jfisser magħmudija. Huwa ta interpretazzjoni oħra, li hu jistqarr li kienet ġdida" (Ibid., p. 443).

J.R. Graves kien għal numru ta' snin predikatur ta' fama kbira u wieħed li jiddibatti fil-Knisja Battista. Fit-**Tennesse Baptist** hu għamel l-istqarrija li ġejja:

> "Jekk Brother Vaughn ikkonvinċiena li titwieled mill-ilma tirreferi għal xi ħaġa oħra ħlief il-magħmudija li wieħed qabel ikun twieled mill-Ispirtu, aħna qatt ma konna nafuh dan, u aħna konna nkunu grati lejh u lejn il-qarrejja tagħna. Din ma tfisser xejn aktar, u ebda Battist li aħna qatt smajna jew qrajna dwaru qatt ma emmen xi ħaġa oħra sakemm A Cambell beżżgħahom mill-interpretazzjoni li hija miżmuma bil-konsensus ta' l-iskulari kollha tad-denominazzjonijiet kollha fiż-żminijiet kollha" (Tennesse Baptist, 30 ta' Ottubru, 1886, p. 5, kif ikkwotat f'David Lipscomb, **Commentary on the Gospel of John** Gospel Advocate Co., Nashville, p. 45).

Dean Alford, fin-noti tiegħu fuq Ġwanni 3:5, jgħid:

> "Ma jista' jkun hemm ebda dubju, fuq

kull interpretazzjoni onesta tal-kliem, **li gennethenal ek hudatos** (titwieled mill-ilma) tirreferi għas-simbolu jew sinjal ta' barra tal-magħmudija—**gennethenai ek pneumatos** (titwieled mill-Ispirtu) għall-ħaġa mfissra, jew grazzja ta' ġewwa ta' l-Ispirtu s-Santu. L-attentati kollha biex jeħilsu minn dawn iż-żewġ fatti ċari nibtu minn preġudizzji dottrinali, li bihom il-veduti ta' kummentaturi kienu ġew mgħawġa" (**Greek Testament**, notes on John 3:5, Vol. I p. 714, kif ikkwotat f'J. W. Shepherd, **Handbook on Baptism**, McQuiddy Printing Co., Nashville, p. 320).

Għal ħafna snin in-**Notes on the New Testament** ta' Alfred Barnes kienu kummentarju popolari. Barnes kien membru tal-Knisja Presbiterjana u wieħed mill-predikaturi kbar tagħha. Jik-kummenta fuq Ġwanni 3:5, huwa jgħid:

"B'**ilma hawn**, huwa ċar li jisinjifika l-**magħmudija**. Hekk il-kelma hija wżata f'Efesin 5:26; Titu 3:5 (**Notes on the Gospels**, Vol. II, p. 210).

L-istudjuż kbir Timothy Dwight, president ta' Yale College, għamel din l-istqarrija f'riferenza għal li "titwieled mill-ilma":

"Li 'titwieled mill-Ilma,' kif intenzjonat hawn, huwa, fil-veduta tiegħi, li tkun

> mgħammed… Li tkun imwieled mill-ilma, u mill-Ispirtu, huwa l-istess ħaġa bħal li tkun imwieled mill-ġdid, għandu jkun aċċettat minn kulħadd, li huwa lest lis-Salvatur tagħna għandu jgħid sens tajjeb, billi hu ovvjament ma jsemmix f'din id-diskursata kollha ħlief twelid wieħed" (Timoty Dwight**, System of Theology**, sermon CLVI, Vol. V, p. 223, kif ikkwotat f'J. W. Shepherd, op. Cit., p. 325).

H. A. W. Meyer kien imsejjaħ "il-prinċep ta' l-eseġesi kollha." (eseġesi tfisser 'it-tifsir tal-Bibbja…). Hu kien skular Grieg u membru tal-Knisja Luterana. Fin-noti tiegħu fuq Ġwanni 3:5, f'riferenza għall-magħmudija, hu jgħid:

> "…il-ħtieġa tal-magħmudija sabiex tip-parteċipa fis-saltna tal-Messija (dottrina kontra dak li jgħidu Galvinu n-partikulari, u kummentaturi oħra fil-Knisja Riformata) ċertament għandha l-bażi tagħha f'din is-silta" (**Commentary on the New Testament**, Vol. III, p. 124).

Alvah Hovey (Battista), president tal-Newton Theological Institution, Newton Center, Massachusetts, u professur tat-Teoloġija fl-istess istituzzjoni, jikteb fil-kummentarju tiegħu fuq Ġwanni:

> "Aħna nistgħu ngħidu illi li tkun 'imwieled mill-ilma' (mgħammed) għandu

> jfisser li tkun imnaddaf mid-dnubiet jew maħfur; waqt li tkun 'imwieled mill-Ispirtu' ma jistax ifisser ħaġa oħra ħlief li tkun imnissel, jekk aħna nistgħu nużaw il-kelma, bi prinċipju ġdid u qaddis tal-ħajja bl-Ispirtu ta' Alla. Mhuwiex, mela, ta' sorpriża li Ġesù jalludi għall-magħmudija fl-aktar mod ħafif, waqt li hu jittratta b'enfasi speċjali fuq ix-xogħol ta' l-Ispirtu" (**American Commentary on the New Testament**, commentary on **John**, p. 422).

H. B. Hackett (Battista),. Fil-kummenti tiegħu fuq Atti 2:28, jgħid:

> "**Għall-maħfra tad-dnubiet** (Matt. 26: 28; Luqa 3:3) aħna naturalment norbtu maż-żewġ verbi ta' qabel. Din il-klawsola tgħid il-motiv jew l-oġġett li għandu jħajjarhom biex jindmu u jitgħammdu. Dan jinforza l-eżortazzjoni kollha, mhux parti waħda tagħha għall-esklużjoni ta' l-oħra" (**American Commentary on the New Testament**, commentary on **Acts**, p. 53).

L-isem ta' John Wesley huwa magħruf sewwa għannies reliġjużi. Fin-**Notes on the New Testament** tiegħu, Wesley jgħid:

> "Jekk (ħlief) wieħed ma jitwelidx mill-ġdid mill-ilma u mill-Ispirtu—Jekk hu

> ma jesperjenzax dik il-bidla ta' ġewwa mill-Ispirtu u jkun mgħammed (kull fejn il-magħmudija tkun tista' ssir) bħala s-sinjal ta' barra u l-mezz tagħha" (**Notes on the New Testament**, comments on John 3:5).

Fil-kummenti tiegħu fuq Atti 22:16, Wesley qal:

> "**Tgħammed, u nħasel minn dnubietek**… Il-magħmudija amministrata lil penitenti tassew hija kemm mezz u siġill tal-maħfra. Lanqas ma Alla ordinarjament fil-knisja primittiva ma applika din fuq xi ħadd, jekk mhux permezz ta' dan il-mezz**" (Notes on the New Testament**, taħt Atti 22:16).

U l-istqarrija qasira tiegħu fuq Rumani 6:4 hija korretta:

> "Aħna midfunin miegħu—Talludi għal mod antik li tgħammed bl-immersjoni" (**Ibid**.)

Conybeare u Howson fix-xogħol kbir tagħhom **fuq Il-Ħajja u l-Epistoli ta' l-Appostlu Pawlu** (**The Life and Epistles of the Apostle Paul**) jagħmel dan il-kumment sabiħ fuq Rumani 6:4:

> "Din is-silta ma tistax tkun mifhuma sakemm ikun miżmum fil-moħħ li l-magħmudija primittiva kienet bl-immersjoni." (p. 497).

J. W. Willmarth (Battista) qal:

> "Suppost li aħna nisfurzaw **eis** f'Atti 2:38 li ġġib it-tifsira mhux naturali u mhux awtorizzata ta' "minħabba fi." Wara kollox ma nkunu rbaħna xejn. Siltiet oħra hemm li ma jistgħux ikunu spjegati mod ieħor. Hekk is-Salvatur tagħna qal, sewwasew qabel ma tela' fis-smewwiet: "Min jemmen u jitgħammed isalva." Aħna bil-kemm m'għandniex il-wiċċ tost li nissograw u nbabsu mal-kelma rjali Tiegħu u nagħmluha tgħid, "Min jemmen u jkun salv għandu jitgħammed." U sakemm aħna ma nagħmlux hekk u nibdlu l-kliem Tiegħu, aħna għandna bl-għola awtorità, importanza attribwita għall-magħmudija ċertament mhux inqas mogħtija minn dik mogħtija f'Atti 2:38, tradotta skond it-tifsira ovvja tagħha. X'inhu mela l-vantaġġ li b'mod vjolenti nittorturaw **eis**, il-kostruzzjoni u l-kontenut?"

Kristu nnifsu, fil-ministeru bikri Lhudi tiegħu, "għamel u għammed dixxipli." Il-predikar tiegħu mill-bidunett, kien ta' l-istess ħsieb ma' dak ta' Ġwanni. Huwa naturali li tissopponi li l-Magħmudija Tiegħu (f'konnessjoni ma' l-Indiema u l-Fidi) kienet, bħal dik ta' Ġwanni, għall-Maħfra. Aħna kkonfermati f'dan

> bil-kliem tas-Salvatur tagħna lil Nikodemu, li ġie għandu f'dak il-perjodu kmieni biex jitgħallem aktar bis-sħiħ, ebda dubju, dwar is-saltna li Kristu u Ġwanni kienu qegħdin jippriedkaw. Kristu qallu: 'Jekk wieħed ma jitwelidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-saltna ta' Alla', jiġifieri, Magħmudija u Tiġdid mill-Ispirtu huma kondizzjonijiet ta' ċittadinanza tassew fis-saltna ta' Alla fuq l-art."—**Baptism and Remission**, in **Baptist Quarterly**, Lulju, 1877, p. 306, 309.

Ħafna aktar kwotazzjonijiet jistgħu jinġiebu, imma dawn għandhom ikunu biżżejjed. L-isforz biex tinqered ir-riferenza għall-magħmudija fi Ġwanni 3:5 huwa MODERN. Id-dinja reliġjuża kollha qablet, sas-snin riċenti, li l-immersjoni fl-ilma ta' penitent li jemmen ikkostitwixxiet it-TWELID MILL-ĠDID, u li tkun "imwieled mil-ilma u l-Ispirtu" kien ifisser li tkun mgħammed. Tassew, jista' jintqal li din l-interpretazzjoni "hija msaħħa minn konsensus ta' l-iskulari **kollha** tad-denominazzjonijiet **kollha** fiż-żminijiet **kollha**," u li "l-attentati kollha biex jeħilsu minn dawn iż-żewġ fatti ċari ħarġu minn preġudizzji dottrinali."

# KAPITLU TLIETA

## Skritturi Paralleli

Hemm siltiet oħra ta' Skrittura fit-Testment il-Ġdid, barra Ġwanni 3:5, li jirreferu għall-bidla spiritwali msejħa "twelid ġdid" (riġenerazzjoni). Dawn għandhom jiġu studjati wkoll, għaliex m'hemmx triq jew mod aħjar li tispjega l-Iskrittura minn li tispjegaha bl-Iskrittura nfisha.

## I. STQARRIJIET TA' ĠESÙ DWAR ID-DĦUL FIS-SALTNA

Innota dawn it-tlett stqarrijiet ta' Kristu li għandhom x'jaqsmu mad-dħul fis-saltna:

1. Titwieled mill-ġdid, tidħol fis-saltna—Ġwanni 3:5

   "*…Jekk wieħed ma jitwelidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-saltna ta' Alla.*"

2. Tkun tikkonverti, tidħol fis-saltna—Mattew 18:3

   "*Jekk ma tikkonvertux, u ssiru bħal tfal żgħar, ma tidħlux fis-saltna tas-smewwiet.*"

3. Tagħmel ir-rieda ta' Alla, tidħol fis-saltna—Mattew 7:21

   "*Mhux kull min jgħidli: Mulej, Mulej, jidħol fis-saltna tas-smewwiet: imma dak li jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet.*"

Jekk wieħed ma jistax jifhem l-espressjoni, *"titwieled mill-ilma u l-Ispirtu,"* allura forsi huwa jkun jista' *jifhem "konverżjoni."* Imma jekk konverżjoni, jew dawrien lejn il-Mulej, ma jistgħux ikunu mifhuma, allura *ċertament "tagħmel ir-rieda ta' Alla"* tista'. Iż-żewġ termini huma l-istess; u r-riżultat huwa l-istess—*dħul fis-saltna*. Persuna li ma tobdix ir-rieda ta' Alla ma tistax tkun ċittadina tas-saltna. Dawn it-tlieta huma egwali għall-istess ħaġa u għandhom, għalhekk, ikunu egwali ma' xulxin.

## II. IT-TWELID ĠDID SPJEGAT MILL-KUMMISSJONI L-KBIRA

Matul il-ministeru personali tal-Mulej Ġesù spiss għallem il-prinċipji tas-saltna tas-smewwiet f'figuri u parabboli, imma wara l-qawmien Tiegħu Hu spjega, ta kmandi ċari. Qabel it-tlugħ Tiegħu fis-smewwiet, Kristu qal lil l-appostli Tiegħu:

> "*Morru fid-dinja kollha, u xandru l-evanġelju lil kull maħluq. Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat*" (Mark 16:15-16; Mattew 28:18-20 u Luqa 24:46-47).

Meta Ġesù qal il-patt tas-salvazzjoni f'din l-okkażjoni, Hu ta l-istess ħtiġijiet li ta lil Nikodemu qabel fil-ministeru publiku Tiegħu, imma din id-darba Ġesù ma wżax kliem rettoriku. Iż-żewġ stqarrijiet ta' Kristu fi Ġwanni 3:5 u f'Mark 16:16 huma identiċi fit-tagħlim tagħhom.

Ladarba Ġesù qal "*Min jemmen u jitgħammed*

*isalva*," jista' xi ħadd jissogra jgħid jew jikkonferma: "Min jemmen u ma jkunx mgħammed isalva?" Innota li Ġesù ma qalx, "Min hu mgħammed isalva"; lanqas ma qal, "Min jemmen isalva"; imma, pjuttost, "Min jemmen (l-ewwel Pass) u jitgħammed (it-tieni Pass), isalva (Riżultat)." Hawn ukoll il-Bibbja tgħallem li l-magħmudija hija kondizzjoni tal-maħfra. Il-midneb, biex jikseb is-salvazzjoni, għandu jemmen u jitgħammed. Eżempju sempliċi dwar dak li qal Ġesù huwa dan: Ġesù qal, "(1) Min (2) jemmen u (3) jitgħammed (4) isalva...." Jekk in-numru tat-telefon tiegħi, bħala eżempju, huwa 898270, u xi ħadd iċempilli imma jibdel xi numru minnhom, eżempju, dan iċempel in-numru 889270 minflok 898270 kulħadd jaqbel li lili mhux se jaqbadni qatt ukoll jekk jibqa' jipprova l-ġurnata kollha. Imma kif hu jdawwar in-numru t-tajjeb dan mill-ewwel jisma' leħni. Issa, in-numru biex taqbad lil Ġesù u s-salva huwa 1234. Imma x'inhu qiegħed jiġri llum? Il-lum in-numru ta' Ġesù ħafna qegħdin iħawduh, eżempju, il-Kattoliċi qegħdin idawru n-numru b'dan il-mod, 1342 għaliex huma jgħammdu t-trabi li ma jistgħux jemmnu u b'hekk kliem Ġesù qegħdin jagħmluh hekk: "(1) Min (3) jitgħammed (4) isalva u (2) jemmen." Ukoll ħafna denominazzjonijiet qegħdin idawru l-kliem ta' Ġesù billi huma jgħidu li wieħed isalva meta jemmen u qabel ma jitgħammed. Huma qegħdin idawru n-numru b'dan il-mod, 1243: "(1) Min (2) jemmen (4) isalva u (3) jitgħammed." Oħrajn jgħidu li kull min jemmen isalva u b'hekk huma qegħdin idawru n-numru ta' Ġesù b'dan il-mod, 124: "(1) Min (2) jemmen (4) isalva." Imma jekk dawk kollha msemmija jibqgħu

jdawru dawk in-numri huma *QATT* mhu se jisimgħu l-leħen ta' Ġesù għaliex biex tisma' lil Ġesù int għandek iddawwar in-numru t-tajjeb, jiġifieri, 1234! U jekk ma tismax il-leħen ta' Ġesù, taf lil min se tisma', lil Satana!

Barra minn dan, il-metafora tat-*twelid mill-ġdid* hija rrovinata b'kemm b'wieħed jew bl-ieħor minn dawn il-proċessi: (1) meta l-magħmudija tiġi mpoġġija qabel il-fidi kif isir meta t-trabi jkunu mgħammdin, it-twelid isir *qabel* it-tnissil; (2) meta l-immersjoni tiġi mibdula għal tibxix, hawn ma jkunx hemm dak li wieħed joħroġ jew jitla' barra mill-ilma u, għalhekk, *ebda* twelid mill-ilma. Hekk ukoll dawk li jgħallem li persuna tkun salva bil-fidi weħidha huma jkunu qegħdin iżommu t-twelid milli jitwettaq.

## III. PARAGUN TAL-LINGWA TA' ĠESÙ U PAWLU DWAR ID-DĦUL FIS-SALTNA

Il-lingwa ta' l-appostlu Pawlu hija f'armonija ma' l-istqarrijiet ta' Kristu fuq is-suġġett ta' tnissil mill-ġdid (riġenerazzjoni). Ipparaguna dawn it-tliet versi ta' Skrittura:

1. "*...Jekk wieħed ma jitwelidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-saltna ta' Alla*" (Ġwanni 3:5)
2. "*...Biex iqaddisha u jnaddafha (jiġifieri, il-knisja) bil-ħasil ta' l-ilma bil-kelma*" (Efesin 5: 26).
3. "*...Mhux bl-opri tajba li konna għamilna, iżda skond il-ħniena tiegħu salvana, bil-ħasil tat-twelid (tnissil) mill-ġdid, u t-tiġdid ta' l-Ispirtu s-Santu*"

(Titus 3:5).

Il-ħtiġijiet ta' dawn il-passaġġi mill-Iskrittura, imp-oġġija f'arranġament parallel, jidhru kif ġej:

| Ġwanni 3:5 | Efesin 5:26 | Titus 3:5 |
| --- | --- | --- |
| 1. Imwieled mill-ilma twelid mill-ġdid | 1. Ħasil ta' l-ilma | 1. Ħasil tat- |
| 2. Imwieled mill-Ispirtu | 2. Bil-Kelma | 2. Tiġdid ta' l-Ispirtu s-Santu |
| 3. Dħul fis-saltna | 3. Imnaddfin | 3. Salvi |

L-appostlu Pawlu jiddikjara li n-nies huma *mnaddfa "bil-ħasil ta' l-ilma bil-kelma"* (Efesin 5:26). Il-**ħasil** huwa l-magħmudija (Lhud 10:22; Atti 22:16). *"Il-ħasil tat-twelid (jew tnissil) mil-ġdid"* imsemmi f'Titus 3:5 huwa l-ħasil li għandu x'jaqsam għal, jew huwa parti ta', it-**tnissil mill-ġdid** (riġenerazzjoni). Dan, huwa wkoll, il-magħmudija. U, *"t-tiġdid ta' l-Ispirtu s-Santu"* huwa l-Ispirtu li jipproduċi l-fidi fil-qalb permezz tal-Kelma tal-verità. Letteralment, dawn il-passaġġi mill-iskrittura jgħallmuna lin-nies huma salvi bil-fidi *u* l-magħmudija f'ubbidjenza għall-Kelma ta' Alla (parallel għal Mark 16:16 u Ġwanni 3:5). Għal darb'oħra l-Bibb-ja tgħallem li persuna għandha titgħammed biex ikollha l-maħfra tad-dnubiet.

## A. Il-Magħmudija Ikkomparata għall-Opri tal-Ġustizzja

Il-magħmudija mhijiex opra tajba—jiġifieri, tal-ġus-tizzja jew tjubija tal-bniedem; din hija, pjuttost, opra tat-

tjubija ta' Alla (skond Titus 3:5, fejn din tinsab f'kuntrast għat-tjubija ta' l-individwu nnifsu). (Mattew 3:13-17; Rumani 1:16-17; 10:1-3; Atti 10:34-35; Salm 119:172). L-appostlu Pawlu ma rreferix għall-magħmudija bħala opra tat-tjubija tal-bniedem. Fil-fatt, il-Bibbja *qatt* ma ssejjaħ il-magħmudija opra. Għalhekk, din ma tistax tkun imsejjħa opra jew għemil tat-tjubija tal-bniedem (Isaija 64:6; Ġwanni 6:28-29). F'li tobdi l-evanġelju u ssir Kristjan (li jinkludi l-magħmudija għall-maħfra tad-dnubiet), persuna ma tkunx salva bil-pjan jew sistema tagħha nfisha; hija tkun salva bil-grazzja permezz tal-fidi (Efesin 2:8-9; Ġakbu 2:14-26). Dan jidher ċar fil-magħmudija ta' Ġesù. Għaliex Ġesù tgħammed? It-tweġiba hija sempliċi, **biex jobdi lill-Missier tas-Smewwiet** (Mattew 3:15). Mhux biex iwettaq xi opra imma biex juri *l-ubbidjenza sħiħa* Tiegħu lejn il-Missier. Għaliex aħna nitgħammdu? It-tweġiba wkoll hija sempliċi, mhux biex inwettqu xi opra tagħna nfusna imma biex **nobdu** l-kmand ċar tal-Mulej tagħna. (ara Mattew 28:18-20; Mark 16:15-16).

Il-post wieħed l-ieħor fejn il-kelma tnissil mill-ġdid tinsab fit-Testment il-Ġdid huwa f'Mattew 19:28, fejn Kristu jalludi għaż-żmien li fih il-bniedem ikun imnissel mill-ġdid (jew imwieled mill-ġdid spiritwalment) taħt il-ħakma Tiegħu. F'Titus 3:5, l-appostlu Pawlu juri li l-proċess tat-tnissil mill-ġdid qiegħed isir fiż-żmien preżenti.

## B. In-Natura tal-Magħmudija

It-twelid ġdid huwa riġenerazzjoni, għaliex riġenerazzjoni tfisser "li titwieled mill-ġdid." Dan huwa l-*pro-*

*ċess kollu* tal-ħajja u l-bidu fis-saltna ta' Alla. It-tiġdid ta' l-Ispirtu s-Santu huwa parti neċessarja f'dan il-proċess, imma dan mhuwiex il-proċess kollu. Il-magħmudija hija wkoll parti tal-proċess tar-riġenerazzjoni jew tnissil mill-ġdid. Biex ilesti r-riġenerazzjoni, l-emmieni għandu jkun mgħammed. Wara li l-bidla ta' ġewwa tkun imwettqa bl-Ispirtu *permezz tal-Kelma*, l-individwu jkun imdaħħal fis-saltna bl-immersjoni.

Meta l-verità dwar il-magħmudija tkun mgħallma, b'xi mod, "Din hija riġenerazzjoni ta' l-ilma." Jekk il-magħmudija biss, weħidha tkun mgħallma bħala l-mezz tas-salvazzjoni, din tkun tabilħaqq tnissil mill-ġdid bl-ilma, imma li tgħaddas wieħed *li ma jemminx* fl-ilma mhijiex magħmudija tat-Testment il-Ġdid. Dawk li jbexxu l-ilma fuq it-trabi ċertament li jemmnu fis-salvazzjoni ta' l-ilma għaliex f'dan l-att ma hemmx fidi lanqas indiema. It-tarbija lanqas biss ma tkun taf x'inhu jsir. Il-Bibbja tgħallem li dawk li kienu ġew *mgħallma*, li kienu *emmnu u nidmu* għandhom ikunu mgħammdin, jistqarru l-fidi tagħhom, biex jiksbu l-maħfra ta' dnubiethom tal-passat (Mark 16:16; Atti 2:38; 8:12-37; 18:8). Billi fidi ġenwina u ndiema *għandhom jiġu qabel il-magħmudija, il-magħmudija mhix, mela, il-proċess kollu tar-riġenerazzjoni*. Minn naħa l-oħra, it-trabi mhumiex suġġetti xierqa għall-magħmudija għaliex huma m'għandhomx dnubiet biex ikunu maħfura! (Ara Luqa 18:15-17.)

Ukoll, meta t-tagħlim tal-Mulej dwar il-kondizzjonijiet tas-salvazzjoni huma mwassla jew imxandra, xi wħud, jirrimarkaw, "Dan jagħmel l-ilma s-salvatur ta' dak li jkun." Imma wieħed għandu jiftakar li ma hemm

ebda qawwa mistika (moħbija) fl-ilma, lanqas fil-magħmudija nfisha; lanqas ma hemm xi qawwa fil-fidi jew fl-indiema. Madankollu, meta l-penitent li jkun emmen jitgħammed, huwa jiġi mdaħħal fis-saltna ta' Alla—imma dan ma jagħmilx lill-magħmudija s-saltvatur tiegħu (1 Pietru 3:21; Atti 2:40. Ara paġni 22, 23). *Ubbidjenza* lejn il-Mulej hija lis-salva. *U ma jistax ikun hemm ubbidjenza sħiħa mingħajr ma tkun mgħammed*. L-emmieni salv huwa l-emmieni mgħammed, ubbidjenti.

Predikaturi ta' l-evanġelju akkużati li *jgħallmu salvazzjoni ta' l-ilma* għandhom jiftakru lis-Salvatur kien ta' spiss mifhum ħażin u xi drabi kien ikun interpretat ħażin deliberament. Eluf qatt ma jkunu salvi, u xi wħud qatt ma jisimgħu priedka tassew ta' l-evanġelju, għaliex il-mexxejja reliġjużi tagħhom kienu ppreġudikawhom kontra l-verità! (Mattew 13:14-15; 23:13; 2 Timotju 4: 3-4).

# KAPITLU ERBGĦA

## It-Twelid Ġdid Muri

Bl-istudju tal-ħafna każi ta' konverżjoni li ġraw wara li l-knisja kienet imwaqqfa, wieħed *jista' jitgħallem eżatt x'inhu t-twelid mill-ġdid*, għaliex dawn l-eżempji jfissru kif erwieħ kienu mwielda mill-ġdid fis-saltna ta' Alla. Fil-predikar tagħhom l-appostli spjegaw it-twelid mill-ġdid f'mod sempliċi ħafna meta huma qalu lill-midinbin, f'lingwa ċara, x'għandhom jagħmlu biex isalvaw. Għalkemm ma hemmx imniżżel li huma qalu, "Int għandek titwieled mill-ġdid," huma ppridkaw l-istess. Fil-Ktieb ta' Atti l-proċess tat-twelid mill-ġdid hu muri bil-bosta. Xi wħud mill-eżempji minn dan il-ktieb sejrin niddiskutuhom taħt.

## 1. It-tlitt Elef f'Pentekoste (Atti 2)

Fil-jum tal-Pentekoste kif is-Salvatur kien wiegħed, l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-appostli biex jiggwidahom fil-verità kollha. (Ġwanni 14:16-17, 26; 15:26-27; 16: 7-13; Atti 1:4-8; Atti 2:1-4). F'dak il-jum, għall-ewwel darba, l-evanġelju ta' Kristu kien ippreżentat. Wara lin-nies semgħu l-priedka ta' Pietru, ħafna kienu kkonvinċuti li Ġesù kien 'il Kristu u qalu,

"*Irġiel u aħwa, x'għandna nagħmlu?*"

Pietru ma qalilhomx biex jitwieldu mill-ġdid. Hu qalilhom,

"*Indmu, u kull wieħed minnkom jitgħammed f'isem Ġesù Kristu għall-maħfra*

*tad-dnubiet*" (Atti 2:37, 38).

Huma kienu biċ-ċar mogħtija struzzjonijiet fit-triq tas-salvazzjoni. Tlitt elef minnhom *obdew* u daħlu fis-saltna ta' Alla f'dak il-jum. Xi snin wara Pietru kiteb lill-Kristjani mxerrda matul Pontus, Galazja, Kappadoċja, Asja, u Bitinja (Atti 1:1; Atti 2:9-10) u qal:

> "*Wara li naddaftu rwieħkom billi obdejtu l-verità permezz ta' l-Ispirtu, biex ikollkom l-imħabba sinċiera ta' l-aħwa, araw li tħobbu 'l xulxin b'qalb safja bil-ħeġġa kollha: Billi twelidtu mil-ġdid, minn nisel mhux li jitħassar, imma li ma jitħassarx, permezz tal-kelma ta' Alla li tgħix u tibqa' għal dejjem*" (1 Pietru 1: 22-23).

Dawn l-individwi li twieldu mill-ġdid kienu xi wħud minn nies stess li kienu salvi f'dak il-jum ta' Pentekoste. Meta Pietru ppriedka l-ewwel priedka ta' l-evanġelju, huwa żergħa ż-żerriegħa tas-saltna; huma semugħha, emmnuha, u rċevewha fil-qlub tagħhom u kienu mnissla. Meta staqsew x'għandhom jagħmlu biex isalvaw, it-tweġiba kienet biex jindmu u jitgħammdu.

> "*Imbagħad dawk li laqgħu l-kelma tiegħu bil-ferħ kienu mgħammdin: u żdiedu magħhom dak in-nhar madwar tlitt elef ruħ*" (Atti 2:41).

Il-kmand mogħti f'Pentekoste baqa' l-liġi għad-dħul fis-saltna. L-appostlu Pietru kellu l-*imfietaħ tas-saltna* (Mattew 16:19)—jiġifieri, is-setgħa biex jgħid lin-nies

*kif* jidħlu fis-saltna ta' Alla—u huwa wżahom f'din l-okkażjoni billi qal lil dawk li emmnu biex 'jindmu u biex jitgħammdu għall-maħfra ta' dnubiethom.' Hawn għal darb'oħra l-magħmudija hija kondizzjoni tal-maħfra. Madankollu, magħmudija f'isem Kristu għall-maħfra tad-dnubiet hija ċerimonja li għandha x'taqsam biss għall-amministrazzjoni Kristjana u qatt ma kienet ikkmandata sakemm ġie l-ewwel Pentekoste wara l-qawmien ta' Kristu. Qabel din id-data wieħed ma jistax, mela, isib eżempji ta' nies jidħlu fis-saltna ta' Kristu. Dawk li joġġezzjonaw għall-magħmudija bħala kondizzjoni tal-maħfra ġeneralment isemmu l-Ħalliel fuq is-Salib u eżempji oħra ta' salvazzjoni li ġraw qabel Pentekoste. Imma dawn mhumiex eżempji ta' salvazzjoni taħt il-ħakma ta' Kristu. Is-Salvatur, fid-diskursata Tiegħu ma' Nikodemu, kien biss qiegħed iħabbar *x'kellha* tkun il-liġi tad-dħul fis-saltna Tiegħu meta s-saltna titwaqqaf.

L-irreġistrar tal-konverżjoni tat-tlitt elef f'Pentekoste juri *kif* u *meta* wieħed jitwieled mill-ġdid. It-tieni kapitlu ta' Atti huwa l-aħjar spjega ta' Ġwanni 3:5. Fl-ewwel Pentekoste wara l-qawmien, is-saltna ta' Kristu, jew il-knisja, kienet imwaqqfa u nies daħlu fiha. Il-ġrajjiet ta' dan il-jum kbir huma mfissra fil-qosor minn Isaac Errett kif inhu ġej:

1. L-Ispirtu niżel fuq l-appostli, bi twettiq tal-wegħda magħmula fi Ġwanni 16:7-15.
2. L-appostli, mimlijin bl-Ispirtu, ippriedkaw lil-verità lin-nies, u permezz ta' dan il-mezz l-Ispirtu pperswada kotra kbira, mid-dnub, bis-sewwa u bil-ħaqq.
3. L-ippridkar magħmul fuq l-ispirtu tas-semmiegħa,

biex jibdlilhom fil-fehmiet tagħhom u dak li huma kienu jħossu, u jwassalhom ħalli jemmnu f'Ġesù bħala l-Mulej u 'l Kristu.

4. Huma kienu mbagħad mgħallmin biex jindmu u jitgħammdu, fuq l-isem ta' Ġesù Kristu, għall-maħfra tad-dnubiet.
5. Kull min kien imqanqal f'ħajja ġdida mill-Ispirtu ta' Alla permezz tal-kelma ta' l-appostli, kien mgħammed, u *għalhekk imwieled mill-ilma u mill-Ispirtu*, daħal fis-saltna ta' Alla. (Errett, Isaac, *Evenings with the Bible*, Vol. III, p. 258; Cincinnati, Standard Publishing Company, 1893).

## L-ISTAT TAS-SALVI

It-tieni kapitlu ta' Atti jagħlaq b'dan il-kliem:

> "*U l-Mulej kien kuljum iżid lill-knisja dawk li jkunu salvi*" (Atti 2:47).

Mela, l-proċess li bih wieħed ikun salv mid-dnubiet tiegħu tal-passat, jew ikun imwieled mill-ġdid, huwa l-istess proċess li bih wieħed isir Kristjan u membru tal-knisja ta' Kristu. Il-ħtiġijiet għas-salvazzjoni huma l-ħtiġijiet għas-sħubija fil-knisja. Is-salvazzjoni hi fi Kristu (2 Timotju 2:10; Efesin 1:3), u li tkun fi Kristu huwa li tkun fil-knisja Tiegħu, għaliex il-knisja hija l-ġisem ta' Kristu (Efesin 1:22-23; Kolossin 1:18; 1 Korintin 12: 20). Għalhekk, il-proċess li jagħmel lill-wieħed Kristjan ukoll jagħmlu membru tal-knisja, u wieħed ma jistax ikun Kristjan mingħajr ma jkun jappartjeni għall-knisja. Il-bniedem li jagħmel dak li l-Mulej jitlob minnu, u xejn aktar, ikun membru tal-knisja ta' Kristu u ta'

xejn aktar.

Madankollu, nies illum jitkellmu dwar li "tissieħeb fi knisja" għaliex jgħidulhom illi sħubija *f'xi knisja* hija neċessarja. Tassew il-ġlieda għall-membri poġġiet eluf ta' ismijiet fil-lista tal-knisja; iżda, dawn huma ismijiet ta' nies li *qatt* ma kienu *twieldu mill-ġdid*. Fir-realtà dawn in-nies mhumiex fil-knisja tal-Mulej. L-istqarrija ta' Kristu, "*Inti għandek titwieled mill-ġdid…titwieled mill-ilma u l-Ispirtu*," tpoġġi *lil imwieled mill-ġdid* bejn il-midneb u s-saltna ta' Alla. Il-bnedmin jistgħu jiffissaw il-kondizzjonijiet tas-sħubija fl-organizzazzjonijiet tagħhom stess, imma l-Mulej jiddetermina s-sisien tas-sħubija fil-knisja *Tiegħu*.

Meta nies ikunu *mwielda mill-ġdid*, huma jidħlu fil-familja ta' Alla, li hija l-knisja (1 Timotju 3:15; Rumani 8:16-17). Fit-Testment il-Ġdid, in-nies ma *jissieħbux fil-knisja*; huma jkunu *miżjuda* fiha mill-Mulej, kif it-tfal ma *jissieħbux* fil-familja imma jkunu *mwielda* fiha. Ħadd ma *jissieħeb* fil-familja ta' Alla, il-knisja; wieħed ikun miżjud fiha minħabba t-twelid ġdid spiritwali tiegħu. Dawk li kienu *twieldu mill-ġdid* huma ħolqien ġdid fi Kristu.

Hemm uniformità fit-twelid spiritwali, sewwasew kif hemm uniformità fit-twelid naturali; kull wieħed huwa mwettaq permezz ta' liġi mwaqqfa divinament. Hemm biss pjan *wieħed* għall-maħfra tal-midinbin kollha barranin, jiġifieri, dawk li mhumiex Kristjani: il-proċess li bih nies fl-ewwel seklu tal-knisja tal-Mulej huwa l-proċess li bih nies illum isiru Kristjani. Għal din ir-raġuni l-kondizzjonijiet tas-salvazzjoni li kienu mħabbra minn Kristu m'għandhomx ikunu miċħuda, għalkemm it-

tagħlim Tiegħu jista' jkun offensiv għal xi nies. Wieħed forsi ma jkunx jista' li jifhem kollox dwar it-twelid ġdid, l-istess kif ma jkunx jista' jifhem xi aspetti tat-twelid naturali; imma huwa jista' jifhem u jimxi wara dak kollu li hu meħtieġ *biex jitwieled mill-ġdid*.

Wara li l-knisja kienet imwaqqfa f'Pentekoste, l-appostli dejjem irriferew għall-persuna li kienet emmnet u kienet mgħammda bħala iben jew bint ta' Alla. Fiż-żmien Appostoliku *ħadd* ma ġie fil-knisja mingħajr immersjoni. *Il-magħmudija ma kinetx kmand għall-Kristjani*. Kienet wieħed mill-ħtiġijiet biex tidħol *fil*-knisja, il-ġisem ta' Kristu (1 Korintin 12:13). Imkien fit-Testment il-Ġdid kollu ma naqraw xi silta fejn Kristjani tgħammdu! Min kien jitgħammed? Dawk li riedu *li jsiru* Kristjani! Il-magħ-mudija kienet waħda mill-ħtiġijiet biex persuna tidħol fil-knisja (1 Korintin 12:13).

**2. Is-Samaritani (Atti 8:5-12)**

Eżempju ieħor tat-*twelid mill-ġdid* huwa s-Samaritani. Filippu, evanġelista ispirat, mar fil-belt tagħhom u ppriedka 'l Kristu. Ħafna semgħu, emmnu, u kienu mgħammdin (Atti 8:12). Meta huma emmnu u kienu mgħammdin, huma kienu salvi (skond l-istqarrija ta' Kristu f'Mark 16:16). Dan għamilhom ċittadini tas-saltna, għaliex is-salvi huma miżjuda fil-knisja tal-Mulej u l-knisja hija s-saltna (Atti 2:47; Mattew 16: 18-19). Dawk in-nies, għalhekk, kienu *twieldu mill-ġdid, twieldu mill-ilma u l-Ispirtu*.

Ladarba twemin u magħmudija kienu meħtieġa biex ipoġġu lin-nies fis-saltna f'dak iż-żmien, kif wieħed jistenna *llum* li jidħol fis-saltna billi jagħmel *inqas*

minn dak?

**3. L-Ewnuku (Atti 8:26-39)**

Fl-istess kapitlu ta' *Atti 8* għandna rakkont tal-konverżjoni tat-teżorier mill-Etjopja, u għal darb'oħra t-*twelid mill-ġdid* hu muri ċar. Il-proċess tal-ġrajjiet li ġraw f'dak il-jum fit-triq li tagħti minn Ġerusalem għal Gaża kien *l-istess* proċess li Ġesù kellu f'moħħu meta kellem lil Nikodemu dwar li titwieled mill-ilma u l-Ispirtu. Dan kien *l-istess* proċess li Ġesù kellu f'moħħu meta ta l-aħħar kumissjoni Tiegħu lil l-appostli. L-ewnuku sama' l-istorja ta' l-evanġelju, emmina, stqarr il-fidi tiegħu fi Kristu (Rumani 10:9-10; 1 Timotju 6:12-13), u bi spirtu ta' ndiema, huwa kien mgħaddas fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu *għall-maħfra tad-dnubiet*. L-ewnuku qam mill-ilma għall-ħajja ġdida fi Kristu.

Għandu jkun innutat illi l-ewnuku *feraħ* bil-maħfra tiegħu *wara* li hu kien mgħammed. Wara li l-knisja kienet imwaqqfa u l-kummissjoni l-kbira ta' Kristu saret effettiva, ħadd qabel il-magħmudija tiegħu qatt ma feraħ minħabba l-maħfra tad-dnubiet tiegħu!

**4. Sawl ta' Tarsu (Atti 9:1-19; 22:6-16; 26:9-20).**

Eżempju ieħor ċar tat-*twelid mill-ġdid* huwa l-konverżjoni ta' Sawl ta' Tarsu. Sawl kien fi triqtu lejn Damasku biex jippersegwita lill-Kristjani meta ra lil Ġesù, ikkonvinċa ruħu dwar id-diżubbidjenza tiegħu stess lejn il-Mulej, u qal*:*

> "*Mulej, x'għandi nagħmel?*" (Atti 22: 10).

Ġesù wieġbu,

> "*Qum, u mur Damasku; u hemm jgħidulek kulma għandek tagħmel*" (Atti 22:10).

Sawl qam u mar f'Damasku, fejn dam jistenna tlitt ijiem biex jgħidulu x'għandu jagħmel. Ħananija, li kien jaf il-pjan għas-salvazzjoni, kien mibgħut għandu. Lil Sawl--li kien jemmen, kien iddispjaċut, jitlob, u blindiema kollha—Ħananija qallu,

> "*U issa x'inti qiegħed tistenna? Qum, u tgħammed, u aħsel dnubietek, billi ssejjaħ isem il-Mulej*" (Atti 22:16).

Hekk kif Ħananija ġie għand Sawl, Sawl qam u kien mgħammed. Sawl kien mogħti struzzjoni dwar *x'għandu jagħmel*, u hu għamel dan. Fil-magħmudija dnubietu kollha kienu maħsula (maħfura) permezz tad-demm ta' Kristu (Rumani 6:3-5; Galatin 3:27; Kolossin 1:13-14; Rivelazzjoni 1:5). Sawl ma kisibx il-maħfra *qabel* ma kien mgħammed, f'liema waqt hu kien iġġustifikat bil-fidi u kellu s-sliem ma' Alla (Rumani 5:1).

Il-Mulej ma deherx lil Sawl biex isalvah lanqas biex jgħidlu li dnubietu kienu maħfura, imma biex *jikkwalifikah* ħalli jkun appostlu bħat-tanx l-oħra (Atti 26:16; 1 Korintin 9:1). Qabel ma Sawl seta' jkun appostlu hu kellu l-ħtieġa li *jara* lil Ġesù wara l-qawmien Tiegħu (Atti 1:21-22). Iżda, biex ikun salv Sawl kellu *jobdi* l-liġi tal-Mulej għall-maħfra tad-dnubiet, kif imħabbra minn Kristu fil-kummissjoni universali u ppridkata permezz ta' l-Ispirtu s-Santu fil-jum ta' Pentekoste. Din hija *l-istess* liġi li wieħed għandu *jobdi* llum jekk

huwa jrid li jsalva mid-dnubiet tiegħu tal-passat.

Fi Ġwanni 1:11, 12 naqraw,

> "*Ġie fi ħwejġu, u niesu ma laqgħuhx. Iżda lil dawk kollha li laqgħuh, tahom is-setgħa* ***li jsiru*** *wlied Alla; lil dawk li jemmnu f'ismu.*"

Min għandu d-dritt li jsir iben jew bint Alla? Il-kelma "setgħa" jew "dritt" hija wżata wkoll f'Rivelazzjoni 9: 10 u Luqa 12:5. Il-kelma tfisser, "id-dritt jew l-abbiltà biex taġixxi." Fil-Grieg oriġinali din il-kelma, "setgħa," f'dan it-test, tfisser "Setgħa fiżika u mentali; l-abbiltà jew saħħa li biha wieħed hu sostnut biha, li hu jew jippossediha jew jeżerċitaha." (Thayer Greek Lexicon). L-emmieni hu attiv. Hu għandu *s-setgħa li jsir iben ta' Alla*, minħabba l-fidi tiegħu.

Persuna ma tistax issir iben (jew bint) ta' Alla jekk ma tkunx temmen, imma mhux kull min jemmen isir iben ta' Alla! Dak li jemmen għandu biss is-setgħa (jew id-dritt) *li jsir* iben ta' Alla. Aħna nafu dwar it-teorija żbaljata li tiddikjara li l-bniedem hu salv bil-*fidi weħid-ha*, mgħallma minn reliġjonisti llum, imma jiena nistaqsi, onestament u sinċerament, kif tista' teorija bħal din tkun tassew, f'kuntrast għall-verità sempliċi u ċara ta' Alla, meta Hu qal li l-*emmieni* għandu s-*setgħa li jsir* iben ta' Alla. Jekk persuna hija iben ta' Alla bil-fidi weħidha; hija iben ta' Alla fil-mument innifsu li hija temmen, allura x'inhu s-sens u t-tifsira tal-Kelma ta' Alla li tgħid li l-*emmieni għandu s-setgħa li jsir* iben ta' Alla? Kif jista' wieħed *isir* iben ta' Alla, jekk hu diġa' huwa iben ta' Alla?

Xi tgħid int li kieku kelli ngħidlek li ibnek (jew bintek) għandu *d-dritt* li jsir iben ommu jew missieru? Pjuttost ħaġa assurda, mhux hekk? Mela sejrin aħna nakkużaw lil Alla b'assurdità bħal din? Għaliex, int tgħid li l-iben ma jistax *isir* it-tifel tal-ġenituri tiegħu għaliex hu diġa' huwa l-iben ta' ommu u missieru. Mela, jekk bniedem huwa diġa' iben ta' Alla, bil-fidi weħidha, kif hu jista' *jsir* iben ta' Alla? It-test tagħna, (Ġwanni 1:11, 12), jgħid li *dak li jemmen għandu s-setgħa* ***li jsir*** *iben ta' Alla.*

Din l-istqarrija ta' ispirazzjoni hija prova ċara tal-fatt lit-teorija jew it-tagħlim ta' salvazzjoni bil-fidi weħidha hija falza. Mhix Skritturali. Fil-fatt, l-espressjoni "fidi weħidha," tinsab biss darba fil-Bibbja u dik hija f'Ġakbu 2:24, fejn l-appostlu jiddikjara,

> "*Taraw mela kif bl-opri jsir ġust il-bniedem, u mhux* ***bil-fidi weħidha****.*" (Enfasi tiegħi.)

L-ispirazzjoni tafferma li mhuwiex "bil-fidi weħidha," imma bil-fidi taħdem bl-opri! Aħna għandna neżerċitaw id-dritt permezz ta' l-ubbidjenza għall-kmandi tal-Mulej.

Mhux l-emmiena kollha jkunu salvi. Bla dubju ħafna emmiena sejrin igħaddu l-eternità fl-infern (Mattew 7: 21-23). L-appostlu Ġakbu saħansitra ddikjara lix-xjaten jemmnu wkoll u jitriegħdu (Ġakbu 2:19). Jekk wieħed irid li jitgħallem dwar dawk li emmnu imma ma kinux ulied ta' Alla kulma għandu jagħmel hu li jaqra dawn il-passaġġi: Ġwanni 8:31-44; 12:42, 43; Atti 26:19-29.

Kif, mela, dawk li jemmnu, dawk li għandhom is-

setgħa li *jsiru* wlied Alla jistgħu *jsiru* wlied Alla? It-tweġiba hija sempli ħafna, l-Ispirtu s-Santu jagħtiha permezz ta' l-appostlu Pawlu f'Galatin 3:26, 27,

> "*Għax intom ilkoll ulied Alla bil-fidi fi Kristu Ġesù. Għax intom ilkoll li tgħammidtu fi Kristu lbistu 'l Kristu.*"

Kristu ordna,

> "*Min **jemmen** u **jitgħammed** isalva …*" (Mark 16:16; enfasi tiegħi).

Aħna lkoll ulied Alla għax "emminna" (bil-fidi) u "tgħammidna" (ilbisna 'l Kristu). Jekk aħna lesti li nħallu l-Kelma ta' Alla tiggwidana hi allura m'għandna jkollna l-ebda diffikultà biex nagħrfu tassew dak li l-Mulej irid li aħna nagħmlu biex insalvaw.

## KONKLUŻJONI

Il-bnedmin jiżbaljaw, mela, meta huma jaħsbu li sabu fil-konverżazzjoni ta' Kristu ma' Nikodemu t-tagħrifa, jew il-proklamazzjoni kollha u finali tal-patt għad-dħul fis-saltna Tiegħu. Waqt li kien fuq l-art Ġesù bi skop tkellem f'figuri ta' kliem, spiss jgħatti l-verità b'xi mod f'metafori li jħawdu (Ġwanni 16:25). Dak li kien metaforiku *qabel* it-twaqqif tas-saltna tas-smewwiet, sar litterali u ċar fil-proklamazzjoni ta' l-evanġelju *wara* li l-knisja kienet imwaqqfa.

Mela, jekk il-lingwa ta' Ġwanni 3 tidher diffikultuża biex wieħed jifhimha, din għandha tkun studjata f'konnessjoni ma' l-eżempji sempliċi ta' konverżjoni mniżżla fil-ktieb ta' *Atti*. Siltiet li huma oskuri jew diffiċli għandhom ikunu studjati fid-dawl ta' dawk l-Iskritturi li hu-

ma ċari u preċiżi.

Meta wieħed sinċerament jemmen li Ġesù hu l-Iben ta' Alla, huwa jkun imnissel minn Alla; u meta hu, bħala penitent li jemmen, ikun mgħammed (mgħaddas), huwa *jkun imwieled mill-ilma u mill-Ispirtu*. It-*twelid mill-ġdid* ikun komplut, u l-individwu jkun fis-saltna ta' Alla. Il-proċess kollu huwa muri ċar sempliċiment b'dan il-kliem:

> "*U ħafna mill-Korintin, billi kienu jisimgħu l-kelma, emmnu, u tgħammdu*" (Atti 18:8).

Nies li obdew lill-Mulej b'dan il-mod fiż-żmien ta' l-appostli, wara lis-saltna kienet imwaqqfa, *kienu mwielda mill-ilma u l-Ispirtu*. Sa minn dak iż-żmien, dawk li għamlu *l-istess* ħwejjeġ ukoll kienu *mwielda mill-ġdid*.

"La tistagħġibx jekk jiena għedtlek, *li Int trid titwieled mill-ġdid*." Int għandek tisma' l-evanġelju u temmen fi Kristu bħala l-Iben ta' Alla (Lhud 11:6; Atti 16:31; Ġwanni 20:30-31; Mark 16:15-16); int għandek tindem minn dnubietek kollha (Luqa 13:3, 5; Atti 2:38; 17:30); u int għandek titgħammed għall-maħfra tad-dnubiet wara li tistqarr il-fidi tiegħek fi Kristu (Atti 8:37; Rumani 10:10; Atti 2:38; 22:16; Mark 16:16).

# KAPITLU ĦAMSA

## SOMMARJU ĠENERALI U KONKLUŻJONI

Kristu kellem lil Nikodemu dwar saltna li kienet fil-qrib u dwar liġi li kienet waslet biex tibda topera. Ġesù qal lil dak il-membru tas-soċjetà Lhudija li la hu u ebda persuna oħra ma tista' tidħol fis-saltna ta' Alla mingħajr ma jkunu mwielda mill-ilma u l-Ispirtu.

L-individwu *mwieled mill-ilma u l-Ispirtu* huwa l-emmieni penitent li kien mgħaddas fl-ilma. Meta kien mgħammed, huwa daħal fis-saltna ta' Alla. Hu sama' l-vuċi ta' l-Ispirtu s-Santu titkellem *permezz* ta' nies ispirati; hu rċieva l-Kelma f'qalbu u obdiha. B'hekk hu *mwieled mill-Ispirtu; imwieled mill-ilma u l-Ispirtu; imwieled minn Alla, u mwieled minn fuq*.

"*Titwieled mill-ilma u l-Ispirtu*" *fi Ġwanni 3:5 jfisser il-magħmudija ta' emmieni penitent. Dan hu l-proċess li bih wieħed meħud mid-dinja għal ġol-knisja, mis-saltna tad-dlamijiet għas-saltna ta' l-Iben il-maħbub ta' Alla*. Twelid wieħed b'żewġ fatturi jieħu bniedem fis-saltna. Ħafna, bħal Nikodemu, jistaqsu, "Kif jistgħu dawn il-ħwejjeġ isiru? Kif jista' twelid mill-Ilma u l-Ispirtu jagħmel persuna iben jew bint Alla? Jista' l-ilma jkollu xi ħaġa x'taqsam mas-salvazzjoni?" Iva! Il-Mulej tagħna qal ċar ħafna,

> "*Jekk wieħed ma jitwilidx* ***mill-ilma*** *u l-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-saltna ta' Alla.*" (Enfasi tiegħi.)

Dan għandu jkun minnu. *Kien Ġesù Kristu li qalu* u mhux xi bniedem komuni!

F'dan l-istudju tat-*twelid mill-ġdid* dawn il-fatti kienu nnutati:

1. Kull wieħed li jidħol fis-saltna għandu jitwieled mill-ġdid u dan it-twelid jikkonsisti milli tkun imwieled mill-ilma u l-Ispirtu.
2. Persuna tkun imnissla bl-evanġelju, iż-żerriegħa tas-saltna.
3. La darba l-Ispirtu s-Santu ta l-evanġelju, wieħed ikun imnissel jew imwieled mill-Ispirtu permezz tal-Kelma ta' Alla meta hu jemmen.
4. Meta l-emmieni penitent jitgħammed—ikun imniżżel fl-ilma u mtella' mill-ilma, skond l-istruzzjonijiet ta' l-Ispirtu s-Santu—huwa mbagħad *ikun imwieled mill-ilma u l-Ispirtu*.
5. Meta xi ndividwu jkun imwieled mill-ġdid mill-ilma u l-Ispirtu, dik il-persuna, bil-ħila ta' dak it-twelid, tidħol fis-saltna ta' Alla, li hija l-knisja Tiegħu. Għalhekk, dak li jkun twieled mill-ġdid qiegħed fis-saltna, membru tal-Knisja ta' Kristu, Kristjan.
6. Mela, jekk individwu ma jkunx mgħaddas fl-ilma wara li jkun emmen f'qalbu li Ġesù hu 'l Kristu, l-Iben ta' Alla, dan *ma jistax* jidħol fis-saltna ta' Alla (Mark 16:16; Mattew 7:21).
7. LI TISMA' L-EVANĠELJU, SINĊERAMENT TINDEM MID-DNUBIET U LI TKUN MGĦAMMED FL-ISEM TAL-MULEJ JIKKOSTITWIXXI T-TWELID MILL-ĠDID U JAGĦMEL LIL WIEĦED IBEN JEW BINT TA' ALLA.

META WIEĦED JAGĦMEL DAWN IL-ĦWEJJEĠ, HU JIDĦOL FIS-SALTNA TA' ALLA.

Kont int imwieled mill-ġdid SKRITTURALMENT? L-ispirazzjoni tgħidilna:

> "*Tħallu li ħadd iqarrraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla ta' Alla fuq dawk li ma jisimgħux*" (Efesin 5:6).

Jekk inti qiegħed tħalli li tkun imqarraq u tkompli f'dak it-tagħlim żbaljat, uy m'intix lest li twarrbu, allura ma hemm ebda triq oħra ħlief dik li jkollok il-korla ta' Alla fuqek! Wieħed m'għandux jinsa x'jintqal dwar dawk li ma jisimgħux mill-evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu:

> "*U lilkom li intom imħabbtin strieħu magħna, meta jidher Sidna Ġesù mis-sema ma' l-anġli setgħana tiegħu. F'nar iħeġġeġ, u jitħallas minn dawk li ma jagħrfux 'l Alla,* ***u minn dawk li ma jismgħux mill-evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu****: Li jitħallsu bit-telfien ta' dejjem minn quddiem wiċċ il-Mulej, u mill-glorja tas-setgħa tiegħu*" (2 Tessalonikin 1:7-9; enfasi tiegħi).

> "*Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, u l-imħabba t'Alla, u x-xirka ta' l-Ispirtu s-Santu, ikunu magħkom ilkoll. Amen*" (2 Korintin 13:14).